Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2024/2105(INI)

6.3.2025

EMENDI
1 - 344

Abbozz ta' rapport
Denis Nesci
(PE766.660v02-00)

It-tisħiħ taż-żoni rurali fl-UE permezz tal-politika ta' koeżjoni
(2024/2105(INI))

Emenda 1
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2022 dwar ir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE: Laboratorji ħajjin tal-integrazzjoni Ewropea (2021/2202 (INI)),

Or. en

Emenda 2
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tiegħu dwar id-disa' rapport dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali (2024/2107(INI)),

Or. en

Emenda 3
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tal-14 ta' Marzu 2023 bit-titolu "Miri u għodod

għal Ewropa rurali intelliġenti” [1a]***,***

[1a] ***ĠU C 188,30.5.2023***

Or. en

Emenda 4
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Maravillas Abadía Jover, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni “Insaħħu l-appoġġ tal-politika ta’ koeżjoni għar-reġjuni bi żvantaġġi ġeografiċi u demografiċi” [1a]***,***

[1a] ***ĠU C 79, 2.3.2023***

Or. en

Emenda 5
Cristina Guarda
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra ***l-Artikolu 39 u l-Artikolu 174*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),	– wara li kkunsidra ***l-Artikoli 39, 174 u 175*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

Or. en

Emenda 6
Paulo Do Nascimento Cabral, Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra ***l-Artikolu 39 u l-Artikolu 174*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),	– wara li kkunsidra ***l-Artikoli 39, 174 u 349*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

Or. en

Emenda 7
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej,

Or. en

Emenda 8
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,

Or. en

Emenda 9
Paulo Do Nascimento Cabral, Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040" COM(2021) 345 final, tat-30 ta' Ġunju 2021,

Or. en

Emenda 10
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 dwar "A Vision for Agriculture and Food - Shaping together an attractive farming and agri-food sector for future generations" (Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel - Insawru flimkien settur tal-biedja u agroalimentari attraenti għall-ġenerazzjonijiet tal-futur) (COM(2025)75),

Or. en

Emenda 11
Paulo Do Nascimento Cabral, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE" COM(2022) 198 final, tat-3 ta' Mejju 2022,

Or. en

Emenda 12
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika (COM(2021) 141),

Or. en

Emenda 13
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),

Or. en

Emenda 14
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija Mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020)0381),

Or. en

Emenda 15
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380,

Or. en

Emenda 16
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Novembru 2021 bit-titolu "Strateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030 – Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima" (COM(2021)0699),

Or. en

Emenda 17
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tas-27 ta' Jannar 2021 dwar it-tixjiħ – Inrawmu solidarjetà u responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet (COM(2021)0050,

Or. en

Emenda 18
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 34 (2016) tal-Kumitat tan-NU għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa dwar id-drittijiet tan-nisa rurali, adottata fis-7 ta' Marzu 2016,

Or. en

Emenda 19
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2018 dwar l-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi taż-żoni rurali, muntanjużi u remoti,

Or. en

Emenda 20
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna,

Or. en

Emenda 21
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 22a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Kif il-programmazzjoni tal-LEADER u tas-CLLD wara l-2027 tista' tikkontribwixxi għal implimentazzjoni aħjar tal-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE",

Or. en

Emenda 22
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel - Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri"[1a],
	[1a] COM(2025)75, 19.02.2025

Or. ro

Emenda 23
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 23a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli,

Or. en

Emenda 24
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Elena Nevado del Campo, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Disa' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali,

Or. en

Emenda 25
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi li ntlaħaq fil-21 Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima,

Or. en

Emenda 26

Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 34 (2016) tal-Kumitat tan-NU għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa dwar id-drittijiet tan-nisa rurali, adottata fis-7 ta' Marzu 2016,

Or. en

Emenda 27
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Elena Nevado del Campo, Christian Doleschal, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 24a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Enrico Letta ta' April 2024 dwar il-futur tas-suq uniku,

Or. en

Emenda 28
Paulo Do Nascimento Cabral, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ***llum***, ***wieħed minn kull erba' ċittadini Ewropej jgħix*** f'żoni rurali, li jirrappreżentaw madwar 83 % tat-territorju tal-UE;	A. billi***, bħalissa***, ***137 miljun ċittadin Ewropew—kważi terz—jgħixu*** f'żoni rurali, li jirrappreżentaw madwar 83 % tat-territorju tal-UE;

Or. en

Emenda 29
Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi llum, wieħed minn kull erba' ċittadini Ewropej jgħix f'żoni rurali, li jirrappreżentaw madwar 83 % tat-territorju tal-UE;	A. billi llum, wieħed minn kull erba' ċittadini Ewropej jgħix f'żoni rurali, li jirrappreżentaw madwar 83 % tat-territorju tal-UE; ***billi terz tal-popolazzjoni tar-reġjuni rurali tgħix f'reġjun tal-fruntiera[1a];***
	[1a] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52021DC0345

Or. en

Emenda 30
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi mill-1991 'l hawn, fiż-żoni rurali l-metodu LEADER, sussegwentement kopert mill-istrument tal-politika tas-CLLD (żvilupp lokali mmexxi mill-komunità) permezz ta' Gruppi ta' Azzjoni Lokali (GAL), wera li jista' jimmobilizza u jagħti s-setgħa lill-atturi lokali fuq il-bażi ta' strateġiji innovattivi u mfassla apposta;

Or. en

Emenda 31
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Maravillas Abadía Jover, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi ż-żoni rurali huma parti fundamentali tal-ekonomija Ewropea ***u tad-diversità*** kulturali tagħha, bħala sors ta' produzzjoni tal-ikel, kif ukoll sors ta' protezzjoni tal-wirt u tal-pajsaġġi;	B. billi ż-żoni rurali huma ***ż-żoni tal-futur,*** parti fundamentali tal-ekonomija Ewropea***, jilqgħu fihom ħafna "Promoturi Ewropej Moħbija", li huma integrali għad-diversità*** kulturali tagħha, bħala sors ta' produzzjoni tal-ikel, kif ukoll sors ta' protezzjoni tal-wirt u tal-pajsaġġi; ***iż-żoni rurali jissimbolizzaw ħafna mill-aspetti li jagħmlu l-Ewropa attraenti u abitabbli;***

Or. en

Emenda 32
Paulo Do Nascimento Cabral, Maravillas Abadía Jover, Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi ż-żoni rurali huma parti fundamentali tal-ekonomija Ewropea u tad-diversità kulturali tagħha, bħala sors ta' produzzjoni tal-ikel, kif ukoll sors ta' protezzjoni tal-wirt u tal-pajsaġġi;	B. billi ż-żoni rurali huma parti fundamentali tal-ekonomija Ewropea u tad-diversità kulturali tagħha, bħala sors ta' produzzjoni tal-ikel, kif ukoll sors ta' protezzjoni tal-wirt u tal-pajsaġġi***, u filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi rrikonoxxut ir-rwol taż-żoni rurali fil-promozzjoni tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea permezz tas-settur agrikolu bħala prijorità strateġika tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 33
Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi ż-żoni rurali huma parti fundamentali tal-ekonomija Ewropea u tad-diversità kulturali tagħha, bħala sors ta' produzzjoni tal-ikel, kif ukoll sors ta' protezzjoni tal-wirt u tal-pajsaġġi;	B. billi ż-żoni rurali huma parti fundamentali tal-ekonomija Ewropea u tad-diversità kulturali tagħha, bħala sors ta' produzzjoni tal-ikel***, billi jaqdu rwol determinanti fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel***, kif ukoll sors ta' protezzjoni tal-wirt u tal-pajsaġġi;

Or. en

Emenda 34
Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi ż-żoni rurali huma parti fundamentali tal-ekonomija Ewropea u tad-diversità kulturali tagħha, bħala sors ta' produzzjoni tal-ikel, kif ukoll sors ta' protezzjoni tal-wirt u tal-pajsaġġi;	B. billi ż-żoni rurali huma parti fundamentali tal-ekonomija Ewropea u tad-diversità kulturali tagħha, bħala sors ta' produzzjoni tal-ikel, kif ukoll sors ta' protezzjoni tal-wirt ***kulturali, tat-tradizzjonijiet*** u tal-pajsaġġi;

Or. en

Emenda 35
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

B. billi ż-żoni rurali huma parti fundamentali tal-ekonomija Ewropea u tad-diversità kulturali tagħha, bħala sors ta' produzzjoni tal-ikel, kif ukoll sors ta' protezzjoni tal-wirt u tal-pajsaġġi;	B. billi ż-żoni rurali huma parti fundamentali tal-ekonomija Ewropea u tad-diversità kulturali tagħha, bħala sors ta' produzzjoni tal-ikel, kif ukoll sors ta' protezzjoni tal-wirt ***rurali ħaj*** u tal-pajsaġġi;

Or. en

Emenda 36
Paulo Do Nascimento Cabral, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi, f'konformità ***mal-Artikolu 174*** tat-TFUE, l-Unjoni għandha l-għan li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali;	C. billi, f'konformità ***mal-Artikoli 174 u 349*** tat-TFUE, l-Unjoni għandha l-għan li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali ***u lil Reġjuni Ultraperiferiċi, permezz tal-Politika ta' Koeżjoni, li għandha rwol fundamentali fil-promozzjoni tal-iżvilupp armonjuż tar-reġjuni Ewropej kollha billi tiffinanzja l-kostruzzjoni tal-infrastruttura, servizzi essenzjali bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, kif ukoll l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. Huwa kruċjali li tiġi żgurata, kull meta jkun possibbli, il-kumplimentarjetà bejn il-Fondi ta' Koeżjoni u l-fondi tal-Politika Agrikola Komuni sabiex jiġu mmassimizzati l-investimenti f'dawn iż-żoni u jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet reġjonali***;

Or. en

Emenda 37
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi, f'konformità mal-Artikolu 174 tat-TFUE, l-Unjoni għandha l-għan li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali;	C. billi, f'konformità mal-Artikolu 174 ***u mal-Artikolu 175*** tat-TFUE, l-Unjoni għandha l-għan li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji ***u tikkoordina l-politiki tagħha inkluż l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej sabiex jintlaħaq dan l-għan,*** u għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali;

Or. en

Emenda 38
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-Artikolu 175 tat-TFUE jirrikjedi, fost l-oħrajn, lill-Istati Membri jikkoordinaw il-politiki ekonomiċi tagħhom b'tali mod li jilħqu l-għanijiet ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali stabbiliti fl-Artikolu 174 tiegħu;

Or. it

Emenda 39
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi ż-żoni rurali qed jiffaċċjaw sfidi demografiċi bħat-tixjiħ, it-tnaqqis fil-popolazzjoni, l-eżodu ta' mħuħ, id-	D. billi ż-żoni rurali qed jiffaċċjaw sfidi demografiċi bħat-tixjiħ, it-tnaqqis fil-popolazzjoni, l-eżodu ta' mħuħ***, l-***

disparitajiet bejn iż-żoni urbani, il-bidliet strutturali fis-settur agrikolu u forestali, in-nuqqas tas-servizzi u tal-infrastrutturi, it-tnaqqis fl-impjiegi u fl-introjti, u d-distakk diġitali li għadu sinifikanti;

inugwaljanzi li qegħdin jikbru bejn l-irġiel u n-nisa, id-disparitajiet bejn iż-żoni urbani, il-bidliet strutturali fis-settur agrikolu u forestali, in-nuqqas tas-servizzi u tal-infrastrutturi, it-tnaqqis fl-impjiegi u fl-introjti, ***in-nuqqas ta' opportunitajiet u ta' assistenza għal nies vulnerabbli bħall-persuni b'diżabilità,*** u d-distakk diġitali li għadu sinifikanti;

Or. en

Emenda 40
Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi ż-żoni rurali qed jiffaċċjaw sfidi demografiċi bħat-tixjiħ, it-tnaqqis fil-popolazzjoni, l-eżodu ta' mħuħ, id-disparitajiet bejn iż-żoni urbani, il-bidliet strutturali fis-settur agrikolu u forestali, in-nuqqas tas-servizzi u tal-infrastrutturi, it-tnaqqis fl-impjiegi u fl-introjti, u d-distakk diġitali li għadu sinifikanti;	D. billi ż-żoni rurali qed jiffaċċjaw sfidi demografiċi bħat-tixjiħ, it-tnaqqis fil-popolazzjoni, l-eżodu ta' mħuħ, id-disparitajiet bejn iż-żoni urbani, il-bidliet strutturali fis-settur agrikolu u forestali, in-nuqqas tas-servizzi u tal-infrastrutturi, id-diżastri naturali dejjem aktar spissi, ***il-prezzijiet tat-trasport u tal-enerġija dejjem ogħla,*** it-tnaqqis fl-impjiegi u fl-introjti, u d-distakk diġitali li għadu sinifikanti;

Or. en

Emenda 41
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi ż-żoni rurali qed jiffaċċjaw sfidi demografiċi bħat-tixjiħ, it-tnaqqis fil-popolazzjoni, l-eżodu ta' mħuħ, id-disparitajiet bejn iż-żoni urbani, il-bidliet	D. billi ż-żoni rurali qed jiffaċċjaw sfidi demografiċi bħat-tixjiħ, it-tnaqqis fil-popolazzjoni, l-eżodu ta' mħuħ, id-disparitajiet bejn iż-żoni urbani, il-bidliet

strutturali fis-settur agrikolu u forestali, in-nuqqas tas-servizzi u tal-infrastrutturi, it-tnaqqis fl-impjiegi u fl-introjti, u d-distakk diġitali li għadu sinifikanti;	strutturali fis-settur agrikolu u forestali, in-nuqqas tas-servizzi u tal-infrastrutturi, ***id-diżastri naturali dejjem aktar spissi,*** it-tnaqqis fl-impjiegi u fl-introjti, u d-distakk diġitali li għadu sinifikanti;

Or. ro

Emenda 42
Paulo Do Nascimento Cabral, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi ż-żoni rurali qed jiffaċċjaw sfidi demografiċi bħat-tixjiħ, it-tnaqqis fil-popolazzjoni, l-eżodu ta' mħuħ, id-disparitajiet bejn iż-żoni urbani, il-bidliet strutturali fis-settur agrikolu u forestali, in-nuqqas tas-servizzi u tal-infrastrutturi, it-tnaqqis fl-impjiegi u fl-introjti, u d-distakk diġitali li għadu sinifikanti;	D. billi ż-żoni rurali ***u r-Reġjuni Ultraperiferiċi*** qed jiffaċċjaw sfidi demografiċi bħat-tixjiħ, it-tnaqqis fil-popolazzjoni, l-eżodu ta' mħuħ, id-disparitajiet bejn iż-żoni urbani, il-bidliet strutturali fis-settur agrikolu u forestali, in-nuqqas tas-servizzi u tal-infrastrutturi, it-tnaqqis fl-impjiegi u fl-introjti, u d-distakk diġitali li għadu sinifikanti;

Or. en

Emenda 43
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi ż-żoni rurali qed jiffaċċjaw sfidi demografiċi bħat-tixjiħ, it-tnaqqis fil-popolazzjoni, l-eżodu ta' mħuħ, id-disparitajiet bejn iż-żoni urbani, il-bidliet strutturali fis-settur agrikolu u forestali, in-nuqqas tas-servizzi u tal-infrastrutturi, it-tnaqqis fl-impjiegi u fl-introjti, u d-distakk diġitali li għadu sinifikanti;	D. billi ż-żoni rurali qed jiffaċċjaw ***b'mod partikolari*** sfidi demografiċi bħat-tixjiħ, it-tnaqqis fil-popolazzjoni, l-eżodu ta' mħuħ, id-disparitajiet bejn iż-żoni urbani, il-bidliet strutturali fis-settur agrikolu u forestali, in-nuqqas tas-servizzi u tal-infrastrutturi, it-tnaqqis fl-impjiegi u fl-introjti, u d-distakk diġitali li għadu

sinifikanti;

Or. en

Emenda 44
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-isfidi demografiċi huma partikolarment akuti fil-popolazzjoni tal-biedja tal-UE, bil-maġġoranza tal-bdiewa li għandhom aktar minn 50 sena;

Or. en

Emenda 45
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-PAK waħedha ma tistax twieġeb għall-ħtiġijiet u għall-isfidi li jiffaċċjaw iż-żoni rurali fl-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 46
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel adottata reċentement tirreferi għall-għożża tal-ikel u għat-trawwim ta' kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol ġusti f'żoni rurali vibranti u timpenja lill-Kummissjoni Ewropea sabiex issaħħaħ it-tiġdid ġenerazzjonali, tiżgura sinerġiji u komplementarjetajiet akbar bejn il-politiki, issaħħaħ il-Patt Rurali, issaħħaħ il-verifika rurali u l-Leader/CLLD, taġġorna il-Pjan ta' Azzjoni Rurali, u tkompli tiżviluppa l-kunċett ta' Żoni Rurali Funzjonali;

Or. en

Emenda 47
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi ż-żoni rurali Ewropej għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni klimatika;	E. billi ż-żoni rurali Ewropej għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni klimatika ***u huma fost l-aktar żoni affettwati mit-tibdil fil-klima kemm ekonomikament - minħabba telf fl-introjtu f'setturi ewlenin bħall-agrikoltura, il-forestrija, u t-turiżmu, li jbatu minn skarsezza tal-ilma u mill-effetti li dejjem jiżdiedu tal-għargħar - u soċjalment, billi t-tibdil fil-klima joħloq theddid addizzjonali dirett u indirett għas-saħħa u għall-benesseri tal-popolazzjonijiet rurali***;

Or. en

Emenda 48
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi ż-żoni rurali Ewropej għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni klimatika;	E. billi ż-żoni rurali tal-Ewropa ***u l-bdiewa Ewropej diġà*** għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni klimatika***, u bis-saħħa tal-isforzi tagħhom, l-impatt avvers tal-agrikoltura fuq l-ambjent tnaqqas b'mod sinifikanti matul is-snin; biili s-settur agrikolu tal-UE naqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'24 %[1a] bejn l-1990 u l-2021;***
	[1a] Tackling climate change (Nindirizzaw it-tibdil fil-klima), https://agriculture.ec.europa.eu/sustainability/environmental-sustainability/climate-change_en

Or. pl

Emenda 49
Paulo Do Nascimento Cabral, Maravillas Abadía Jover, Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi ż-żoni rurali Ewropej għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni klimatika;	E. billi ż-żoni rurali Ewropej għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni klimatika***, billi huma responsabbli għal 72 % tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u jħaddnu 78 % tal-potenzjal li għadu ma huwiex sfruttat***;

Or. en

Emenda 50
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi ż-żoni rurali Ewropej għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni klimatika;	E. billi ż-żoni rurali Ewropej għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni klimatika***, filwaqt li r-riskji assoċjati mal-klima qed jimmanifestaw ruħhom b'mod asimmetriku f'termini ġeografiċi***;

Or. ro

Emenda 51
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi d-disponibbiltà u l-kwalità tal-ilma għandhom rwol kritiku fl-iżgurar ta' għajxien rurali ekwitabbli, sostenibbli u produttiv u l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma mħabbra reċentement tippreżenta opportunità sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin relatati mal-kwalità, mal-kwantità, mal-governanza u mal-aċċessibbiltà tal-ilma fiż-żoni rurali anki permezz ta' użu koerenti tal-fondi Ewropej;

Or. en

Emenda 52
Elsi Katainen, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Ea. billi se jkun hemm ħafna opportunitajiet ġodda għal żoni rurali fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u fid-diversifikazzjoni tal-ekonomija taż-żoni rurali, bħall-użu tal-flussi sekondarji agrikoli u tal-foresti għall-ġenerazzjoni tal-bijogass;

Or. en

Emenda 53
Maravillas Abadía Jover, Elena Nevado del Campo, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi ż-żoni rurali, speċjalment fil-Lvant u fin-Nofsinhar tal-Ewropa huma l-aktar affettwati direttament mill-prekarjetà enerġetika;

Or. en

Emenda 54
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi ż-żoni rurali jospitaw il-maġġoranza tal-bijodiversità tal-UE, iżda l-ħabitats u l-ispeċijiet protetti għadhom fi stat ħażin ta' konżervazzjoni u qed ikomplu jonqsu bħala numru, filwaqt li anke l-kwalità tal-ħamrija u tal-ilma sejra għall-agħar, li jirriżulta f'telfien sinifikanti tal-bijodiversità u fid-degradazzjoni tar-riżorsi naturali;

Or. en

Emenda 55
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi t-telfien tal-bijodiversità, bħat-tibdil fil-klima, għandu konsegwenzi ekonomiċi severi għas-settur agrikolu, b'mod partikolari għall-prodotturi tal-għelejjel li jiddependu mill-pollinaturi, u jaffettwa b'mod negattiv l-attraenza tat-turiżmu rurali kif ukoll is-saħħa u l-benesseri, inkluża s-saħħa mentali, tal-popolazzjonijiet rurali;

Or. en

Emenda 56
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ed (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ed. billi kull reġjun u Stat Membru għandu jidderieġi mill-anqas 30 % tal-allokazzjoni tal-FEŻR tiegħu għall-PO2, jiġifieri, tranżizzjoni aktar ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju lejn ekonomija b'emissjonijiet tal-karbonju żero netti u Ewropa reżiljenti;

Or. en

Emenda 57
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi t-tibdil demografiku ma jikkonċernax lill-pajjiżi u lir-reġjuni kollha bl-istess mod, iżda għandu impatt akbar fuq ir-reġjuni ***li diġà qegħdin lura fl-iżvilupp***, filwaqt li jaggrava l-inugwaljanzi soċjali u territorjali eżistenti;	F. billi t-tibdil demografiku ma jikkonċernax lill-pajjiżi u lir-reġjuni kollha bl-istess mod, iżda għandu impatt akbar fuq ir-reġjuni ***anqas żviluppati***, filwaqt li jaggrava l-inugwaljanzi soċjali u territorjali eżistenti; ***billi jridu jinstabu soluzzjonijiet għall-iżbilanċi reġjonali u għall-pass mhux indaqs tal-konverġenza bejn ir-reġjuni, li wħud minnhom għadhom maqbuda f'nassa tal-iżvilupp; billi r-reġjuni anqas żviluppati jeħtieġu attenzjoni u appoġġ partikolari;***

Or. pl

Emenda 58
Paulo Do Nascimento Cabral, Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi t-tibdil demografiku ma jikkonċernax lill-pajjiżi u lir-reġjuni kollha bl-istess mod, iżda għandu impatt akbar fuq ir-reġjuni li diġà qegħdin lura fl-iżvilupp, filwaqt li jaggrava l-inugwaljanzi soċjali u territorjali eżistenti;	F. billi t-tibdil demografiku ma jikkonċernax lill-pajjiżi u lir-reġjuni kollha bl-istess mod, iżda għandu impatt akbar fuq ir-reġjuni li diġà qegħdin lura fl-iżvilupp, filwaqt li jaggrava l-inugwaljanzi soċjali u territorjali eżistenti***, hekk kif inhu l-każ fiż-żoni rurali u fir-Reġjuni Ultraperiferiċi***;

Or. en

Emenda 59
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Elena Nevado del Campo, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi t-tibdil demografiku huwa mistenni jkompli jaggrava n-nuqqas ta' ħaddiema u jżid il-pressjoni fuq il-bażits pubbliċi;

Or. en

Emenda 60
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi, skont id-Disa' Rapport ta' Koeżjoni, it-tranżizzjoni lejn enerġija ekoloġika u l-espansjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli jippreżentaw opportunitajiet sinifikanti għar-reġjuni rurali u anqas żviluppati, billi tippermettulhom jisfruttaw ir-riżorsi naturali u l-vantaġġi ġeografiċi tagħhom, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-produzzjoni kurrenti tal-enerġija rinnovabbli hija kkonċentrata f'reġjuni aktar żviluppati, l-akbar potenzjal għall-produzzjoni futura jinsab fiż-żoni rurali tar-reġjuni anqas żviluppati;

Or. en

Emenda 61
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	G a. billi f'xi Stati Membri, il-

perċentwal tal-popolazzjoni li tgħix f'żoni rurali qed jiżdied, speċjalment fl-inħawi tal-ibliet u tal-ibliet iż-żgħar; billi dawn iż-żoni qed isiru "komunitajiet kmamar tas-sodda" għall-ibliet li huma ikbar minnhom u, sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom u jitrawwem l-iżvilupp tagħhom, hu vitali li jiġi stimolat il-ħolqien tal-impjiegi u li jsiru investimenti biex jiġi pprovdut aċċess għas-servizzi bażiċi kif ukoll għall-infrastruttura tat-trasport u dik diġitali;

Or. pl

Emenda 62
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi ż-żoni rurali fl-Ewropa tan-Nofsinhar u tal-Mediterran jiffaċċjaw sfidi speċifiċi relatati mad-dežertifikazzjoni, mat-tibdil fil-klima, mal-iskarsezza tar-riżorsi tal-ilma, u ma' infrastruttura batuta, li jeħtieġu approċċ immirat fi ħdan il-politika ta' koeżjoni;

Or. en

Emenda 63
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-introjtu medju fiż-żoni rurali huwa 87,5 % tal-introjtu medju fiż-żoni urbani[1a];

[1a] Urban-rural Europe - income and living conditions (L-Ewropa urbana-rurali - l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien)

Or. en

Emenda 64
Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi n-nuqqas jew l-iskarsezza ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, is-servizzi tal-ilma, it-trasport u l-infrastruttura diġitali, l-edukazzjoni, l-attivitajiet rikreattivi u kulturali jżidu l-perċezzjoni negattiva tar-reġjuni u, b'mod partikolari, taż-żoni rurali, interni, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi, bħala postijiet fejn wieħed jgħix u jaħdem;	H. billi n-nuqqas jew l-iskarsezza ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, is-servizzi tal-ilma, it-trasport u l-infrastruttura diġitali, l-edukazzjoni, ***is-servizzi finanzjarji*** l-attivitajiet rikreattivi u kulturali jżidu l-perċezzjoni negattiva tar-reġjuni u, b'mod partikolari, taż-żoni rurali, interni, ***transfruntiera,*** muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi, bħala postijiet fejn wieħed jgħix u jaħdem; ***billi ż-żoni transfruntiera huma partikolarment affettwati min-nuqqas ta' konnettività reġjonali f'termini ta' infrastruttura tat-trasport; billi ż-żoni rurali huma affettwati ferm min-nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjieg, speċjalment għaż-żgħażagħ;***

Or. en

Emenda 65
Paulo Do Nascimento Cabral, Maravillas Abadía Jover, Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi n-nuqqas jew l-iskarsezza ta'	H. billi n-nuqqas jew l-iskarsezza ta'

aċċess għall-kura tas-saħħa, is-servizzi tal-ilma, it-trasport u l-infrastruttura diġitali, l-edukazzjoni, l-attivitajiet rikreattivi u kulturali jżidu l-perċezzjoni negattiva tar-reġjuni u, b'mod partikolari, taż-żoni rurali, interni, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi, bħala postijiet fejn wieħed jgħix u jaħdem;

aċċess għall-kura tas-saħħa, is-servizzi tal-ilma***, l-akkomodazzjoni affordabbli***, it-trasport u l-infrastruttura diġitali, l-edukazzjoni, l-attivitajiet rikreattivi u kulturali jżidu l-perċezzjoni negattiva tar-reġjuni u, b'mod partikolari, taż-żoni rurali, interni, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi, bħala postijiet fejn wieħed jgħix u jaħdem;

Or. en

Emenda 66
Sérgio Gonçalves, Sabrina Repp, Hannes Heide, Raffaele Topo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi n-nuqqas jew l-iskarsezza ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, is-servizzi tal-ilma, it-trasport u l-infrastruttura diġitali, l-edukazzjoni, l-attivitajiet rikreattivi u kulturali jżidu l-perċezzjoni negattiva tar-reġjuni u, b'mod partikolari, taż-żoni rurali, interni, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi, bħala postijiet fejn wieħed jgħix u jaħdem;	H. billi n-nuqqas jew l-iskarsezza ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, is-servizzi tal-ilma, it-trasport u l-infrastruttura diġitali, l-edukazzjoni***, l-akkomodazzjoni affordabbli***, l-attivitajiet rikreattivi u kulturali jżidu l-perċezzjoni negattiva tar-reġjuni u, b'mod partikolari, taż-żoni rurali, interni, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi, bħala postijiet fejn wieħed jgħix u jaħdem;

Or. en

Emenda 67
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi n-nuqqas jew l-iskarsezza ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, is-servizzi tal-ilma, it-trasport u l-infrastruttura diġitali, l-	H. billi n-nuqqas jew l-iskarsezza ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, is-servizzi tal-ilma, it-trasport u l-infrastruttura diġitali, l-

edukazzjoni, l-attivitajiet rikreattivi u kulturali jżidu l-perċezzjoni negattiva tar-reġjuni u, b'mod partikolari, taż-żoni rurali, interni, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi, bħala postijiet fejn wieħed jgħix u jaħdem;	edukazzjoni, l-attivitajiet rikreattivi u kulturali jżidu l-perċezzjoni negattiva tar-reġjuni u, b'mod partikolari, taż-żoni ***tal-bordura kontinentali,*** rurali, interni, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi, bħala postijiet fejn wieħed jgħix u jaħdem;

Or. en

Emenda 68
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi n-nuqqas jew l-iskarsezza ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, is-servizzi tal-ilma, it-trasport u l-infrastruttura diġitali, l-edukazzjoni, l-attivitajiet rikreattivi u kulturali jżidu l-perċezzjoni negattiva tar-reġjuni u, b'mod partikolari, taż-żoni rurali, interni, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi, bħala postijiet fejn wieħed jgħix u jaħdem speċjalment għan-nisa, għaż-żgħażagħ, għall-popolazzjonijiet li qed jixjieħu u għall-minoranzi;

Or. en

Emenda 69
Paulo Do Nascimento Cabral, Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi hemm il-ħtieġa li jinħolqu kundizzjonijiet sabiex ir-reġjuni rurali, interni, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi jsiru aktar attraenti sabiex

iżommu l-popolazzjonijiet żgħażagħ u tas-sengħa, hemm sejħa sabiex jiġu żgurati infrastruttura tajba, akkomodazzjoni affordabbli, u konnettività lejn u minn dawn ir-reġjuni, b'mod partikolari r-Reġjuni Ultraperiferiċi, permezz tal-ħolqien ta' POSEI-Trasport;

Or. en

Emenda 70
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Elena Nevado del Campo, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-UE tiffaċċja riskji sinifikanti relatati mal-klima, b'mod partikolari n-nixfa, is-sħana estrema u n-nirien fil-foresti, bin-Nofsinhar tal-Ewropa li huwa l-aktar affettwat. In-nixfiet jaffettwaw serjament iż-żoni rurali, b'mod partikolari l-agrikoltura, u jikkawżaw tnaqqis fil-produzzjoni tal-għelejjel, degradazzjoni tal-ħamrija u skarsezza tal-ilma, speċjalment fir-reġjun tal-Mediterran;

Or. en

Emenda 71
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi r-rwol tal-intraprendituri nisa u tan-nisa li jaħdmu għal rashom fl-ekonomija rurali għandu jiġi rikonoxxut bħala katalist għat-tkabbir ekonomiku, għall-ħolqien tal-impjiegi u għall-

potenzjal tal-innovazzjoni; billi n-nisa m'għandhomx aċċess suffiċjenti għall-fondi pubbliċi u privati sabiex jiżviluppaw in-negozji tagħhom;

Or. en

Emenda 72
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-aċċess universali għall-kura tas-saħħa, għall-akkomodazzjoni, għall-edukazzjoni u għas-servizzi pubbliċi ta' kwalità huwa dritt fundamentali, u l-UE għandha tiżgura li ż-żoni rurali jkollhom servizzi essenzjali ffinanzjati pubblikament, aċċessibbli u affordabbli;

Or. en

Emenda 73
Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi dawn ir-reġjuni huma l-aktar milquta mid-depopolazzjoni, u li l-iktar li qed jitilqu minn dawn iż-żoni huma ż-żgħażagħ minħabba n-nuqqas ta' xogħol u prospettivi ta' karriera, li qed jikkontribwixxi b'mod attiv għall-fenomenu tal-eżodu rurali, u b'hekk qed iwassal għal żieda fl-għadd ta' anzjani u għal riskju akbar ta' iżolament soċjali;	I. billi dawn ir-reġjuni huma l-aktar milquta mid-depopolazzjoni, u li l-iktar li qed jitilqu minn dawn iż-żoni huma ż-żgħażagħ minħabba n-nuqqas ta' xogħol u prospettivi ta' karriera, li qed jikkontribwixxi b'mod attiv għall-fenomenu tal-eżodu rurali ***u l-migrazzjoni 'l barra***, u b'hekk qed iwassal għal żieda fl-għadd ta' anzjani u għal riskju akbar ta' iżolament soċjali; ***billi fl-Unjoni kollha, l-istrutturi ekonomiċi produttivi u ta' ħidma qelbu b'mod konsiderevoli minn***

attivitajiet tas-settur primarju għal attivitajiet tas-settur terzjarju; billi fis-settur terzjarju qed jiġu żviluppati u estiżi metodi ta' ħidma mill-bogħod emerġenti;

Or. en

Emenda 74
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Elena Nevado del Campo, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi għandha ssir enfasi akbar fuq miżuri preventivi sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza taż-żoni rurali tal-Ewropa għad-diżastri naturali, approċċ integrat għall-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma huwa essenzjali kemm sabiex jiġi evitat l-għargħar kif ukoll sabiex dawn iż-żoni jkampaw f'sitwazzjonijiet ta' nixfa;

Or. en

Emenda 75
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi għad hemm disparitajiet fil-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni bejn iż-żoni urbani u rurali. Iż-żoni urbani għadhom jirċievu tliet darbiet aktar finanzjament ta' koeżjoni miż-żoni rurali; [1a]

[1a] ***EU annual report 2024 on the state of***

regions and cities (Ir-rapport annwali 2024 tal-UE dwar l-istat tar-reġjuni u tal-bliet).

Or. en

Emenda 76
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi n-nuqqas ta' pagi ġusti u ta' opportunitajiet ta' impjieg stabbli fiż-żoni rurali jaggrava l-inugwaljanzi u jġiegħel liż-żgħażagħ, b'mod partikolari n-nisa, jemigraw;

Or. en

Emenda 77
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-biedja u l-azjendi agrikoli tal-familja kienu l-pilastru tas-soċjetà rurali għal għexieren ta' snin, u stabbilizzaw l-ekonomiji rurali u saħħew it-tradizzjonijiet soċjali u kulturali;

Or. en

Emenda 78
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Maravillas Abadía Jover, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ib (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ib. billi s-sistema eżistenti ta' allokazzjoni u ġestjoni ta' fondi minn atturi reġjonali u lokali wriet li kellha suċċess kbir;

Or. en

Emenda 79
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Maravillas Abadía Jover, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ic (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ic. billi r-reġjuni kollha, kemm jekk żviluppati jew anqas żviluppati, għandhom jibqgħu eliġibbli għal finanzjament fil-politika ta' koeżjoni futura; anke r-reġjuni b'saħħithom jiffaċċjaw sfidi sinifikanti ta' trasformazzjoni; mingħajr finanzjament ġust, ir-reġjuni tal-fruntiera u ż-żoni rurali jirriskjaw li jaqgħu lura;

Or. en

Emenda 80
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Id (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Id. billi huwa deplorabbli li approċċ veru minn isfel għal fuq fil-Politika ta'

Koeżjoni Ewropea għadu qed jinżamm lura mill-fatt li l-istituzzjonijiet u l-atturi li huma l-eqreb taċ-ċittadini, ir-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali, mhumiex fdati bil-ġestjoni ta' fondi indipendenti mill-Baġit tal-Politika ta' Koeżjoni;

Or. en

Emenda 81
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Maravillas Abadía Jover, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ie (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ie. billi l-atturi reġjonali jifhmu b'mod aktar profond liema proġetti għandhom jingħataw prijorità għall-appoġġ permezz ta' fondi ta' koeżjoni, filwaqt li jiżguraw li r-riżorsi jiġu allokati b'mod li jissodisfa l-aħjar il-ħtiġijiet speċifiċi tat-territorji tagħhom;

Or. en

Emenda 82
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa If (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	If. billi, kif ġie nnutat mill-Kummissjoni Ewropea fid-Disa' Rapport ta' Koeżjoni tagħha, ir-reġjuni tal-fruntiera għandhom potenzjal għoli ta' tkabbir, fejn id-diversità kulturali u lingwistika trawwem interazzjoni soċjali u

ekonomika intensa, li tippermetti lil ħafna nies iwettqu l-attivitajiet ta' kuljum tagħhom fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera. Il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-ibliet u l-muniċipalitajiet tippreżenta opportunitajiet għal tkabbir multipolari u tista' sservi wkoll bħala mezz ta' ħruġ minn nassa tal-iżvilupp jew bħala azzjoni ta' rimedju għat-tnaqqis demografiku;

Or. en

Emenda 83
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ig (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ig. billi, f'xi Stati Membri l-muniċipalitajiet għandhom rwol kruċjali bħala muturi tal-iżvilupp ekonomiku reġjonali, li jibbenefikaw minn dħul sostanzjali mit-taxxa ġġenerat mill-ekonomiji lokali tagħhom. Dan id-dħul jista' jimmotiva lill-muniċipalitajiet sabiex jinvestu fondi ta' koeżjoni tal-UE biex iżidu l-bażi tat-taxxa futura tagħhom, jippromwovu tkabbir ekonomiku lokali fit-tul, u jiżguraw dħul mit-taxxa fit-tul;

Or. en

Emenda 84
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. filwaqt li kuljum jagħlqu 800 azjenda agrikola fl-Ewropa kollha, u	J. filwaqt li kuljum jagħlqu 800 azjenda agrikola fl-Ewropa kollha, u

azjenda agrikola waħda biss minn kull għoxrin hija mmexxija minn bdiewa taħt l-età ta' 35 sena[14];	azjenda agrikola waħda biss minn kull għoxrin hija mmexxija minn bdiewa taħt l-età ta' 35 sena[14]; ***billi l-għanijiet ambizzjużi tat-tranżizzjoni ekoloġika jinvolvu riskji għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif ukoll għall-agrikoltura Ewropea;***
[14] 14 Ir-Rapport Annwali tal-UE dwar l-Istat tar-Reġjuni u l-Bliet, Edizzjoni tal-2024.	[14] Ir-Rapport Annwali tal-UE dwar l-Istat tar-Reġjuni u l-Bliet, Edizzjoni tal-2024.

Or. pl

Emenda 85
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi kuljum jagħlqu ***800 azjenda agrikola*** fl-Ewropa kollha, ***u azjenda agrikola waħda biss minn kull għoxrin hija mmexxija*** minn bdiewa taħt l-età ta' 35 sena[14] ;	J. billi kuljum jagħlqu fl-Ewropa kollha ***azjendi agrikoli, tal-ħalib, tal-inbid u taż-żejt u ftit negozji bħal dawn jitmexxew*** minn bdiewa taħt l-età ta' 35 sena[14] ;
[14] Ir-Rapport Annwali tal-UE dwar l-Istat tar-Reġjuni u l-Bliet, Edizzjoni tal-2024.	[14] Ir-Rapport Annwali tal-UE dwar l-Istat tar-Reġjuni u l-Bliet, Edizzjoni tal-2024.

Or. it

Emenda 86
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi fil-Pjan ta' Azzjoni għall-

iżvilupp tal-produzzjoni organika, il-Kummissjoni Ewropea timpenja ruħha li tassisti lill-Istati Membri fit-tfassil ta' miżuri għall-biedja organika fiż-żoni rurali li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-bdiewa/impjieg taż-żgħażagħ, inklużi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' "Bijodistretti";

Or. en

Emenda 87
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi l-fondi ta' koeżjoni għaż-żoni rurali għandhom jiġu ssimplifikati aktar bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, mhux biss għall-awtoritajiet rilevanti iżda wkoll għall-benefiċjarji finali, u b'hekk jikkontribwixxu wkoll għal rati ta' assorbiment miżjuda;

Or. en

Emenda 88
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi l-pandemija tal-COVID-19 aċċennat bidla fil-perċezzjoni fost il-pubbliku, li rrikonoxxa l-potenzjal taż-żoni rurali bħala soluzzjoni għall-isfidi li jinħolqu mill-kriżijiet billi jipprovdu ambjent ta' għajxien aktar sikur, sostenibbli u affidabbli;

Or. ro

Emenda 89
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi l-agrikoltura industrijali u l-konċentrazzjoni tal-art jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-azjendi agrikoli żgħar u s-sistemi tal-ikel lokali, u jheddu aktar l-impjiegi rurali u l-bijodiversità;

Or. en

Emenda 90
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi t-tiġdid ġenerazzjonali huwa wieħed mid-disa' objettivi ewlenin tal-Politika Agrikola Komuni;

Or. en

Emenda 91
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Jb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jb. filwaqt li ż-żoni rurali għandhom l-akbar sehem (12,6 %) ta' żgħażagħ bejn il-15 u d-29 sena barra mill-edukazzjoni,

impjieg jew taħriġ (NEET)[1a];

[1a] Il-Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE: il-kisbiet ewlenin u t-triq 'il quddiem

Or. ro

Emenda 92
Paulo Do Nascimento Cabral, Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jieħu nota tal-erba' oqsma ta' politika tal-viżjoni rurali u ***tal-24*** azzjoni tematika li minnhom huwa magħmul il-Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu importanza assoluta lill-implimentazzjoni tagħha;	2. Jieħu nota tal-erba' oqsma ta' politika tal-viżjoni rurali u ***tat-30*** azzjoni tematika li minnhom huwa magħmul il-Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu importanza assoluta lill-implimentazzjoni tagħha;

Or. en

Emenda 93
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timplimenta l-verifika rurali fil-politiki kollha tagħha u fil-leġiżlazzjoni futura sabiex tiżgura l-koeżjoni u l-produzzjoni agrikola kompetittiva fl-Ewropa bħala parti strutturali u kundizzjoni għall-awtonomija strateġika Ewropea;

Or. en

Emenda 94
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li ż-żoni rurali għandhom rwol kruċjali fit-tiswir tal-mudelli ekonomiċi u tal-organizzazzjoni soċjali u territorjali tad-diversi Stati Membri, ***u jqis*** li huwa d-dmir tal-UE li tippromwovi qawmien effettiv ta' dawn it-territorji, filwaqt li tagħmel aktar sforzi biex tipprovdi liż-żoni rurali tagħna għodod adegwati biex jegħlbu l-isfidi konsiderevoli fit-tul li qed isibu quddiem wiċċhom, u li qed ikollhom impatt dejjem ikbar fuq il-kompetittività reġjonali u l-koeżjoni soċjali;	3. Jissottolinja li ż-żoni rurali għandhom rwol kruċjali fit-tiswir tal-mudelli ekonomiċi u tal-organizzazzjoni soċjali u territorjali tad-diversi Stati Membri***, b'mod partikolari bħala sors ta' produzzjoni agrikola u tal-ikel, iżda anke bħala kustodji ta' wirt kulturali u tal-pajsaġġ insostitwibbli; iqis*** li huwa d-dmir tal-UE li tippromwovi qawmien effettiv ta' dawn it-territorji, filwaqt li tagħmel aktar sforzi biex tipprovdi liż-żoni rurali tagħna għodod adegwati biex jegħlbu l-isfidi konsiderevoli fit-tul li qed isibu quddiem wiċċhom, u li qed ikollhom impatt dejjem ikbar fuq il-kompetittività reġjonali u l-koeżjoni soċjali***, sabiex tiġi ppreżervata d-diversità Ewropea u jiġi żgurat li l-progress tal-Unjoni ma jsirx għad-detriment taż-żoni rurali u tal-popolazzjoni***;

Or. it

Emenda 95
Elena Nevado del Campo, Maravillas Abadía Jover, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li ż-żoni rurali għandhom rwol kruċjali fit-tiswir tal-mudelli ekonomiċi u tal-organizzazzjoni soċjali u territorjali tad-diversi Stati Membri, u jqis li huwa d-dmir tal-UE li tippromwovi qawmien effettiv ta' dawn it-	3. Jissottolinja li ż-żoni rurali għandhom rwol kruċjali fit-tiswir tal-mudelli ekonomiċi u tal-organizzazzjoni soċjali u territorjali tad-diversi Stati Membri, u jqis li huwa d-dmir tal-UE li tippromwovi qawmien effettiv ta' dawn it-

territorji, filwaqt li tagħmel aktar sforzi biex tipprovdi liż-żoni rurali tagħna għodod adegwati biex jegħlbu l-isfidi konsiderevoli fit-tul li qed isibu quddiem wiċċhom, u li qed ikollhom impatt dejjem ikbar fuq il-kompetittività reġjonali u l-koeżjoni soċjali;	territorji, filwaqt li tagħmel aktar sforzi biex tipprovdi liż-żoni rurali tagħna għodod adegwati biex jegħlbu l-isfidi konsiderevoli fit-tul li qed isibu quddiem wiċċhom, u li qed ikollhom impatt dejjem ikbar fuq il-kompetittività reġjonali u l-koeżjoni soċjali; ***jesiġi l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u l-użu ta' skemi ta' tikkettar sabiex jiġu rrikonoxxuti l-kwalità u l-varjetà tal-prodotti tradizzjonali miż-żoni rurali;***

Or. en

Emenda 96
Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover, Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li ż-żoni rurali għandhom rwol kruċjali fit-tiswir tal-mudelli ekonomiċi u tal-organizzazzjoni soċjali u territorjali tad-diversi Stati Membri, u jqis li huwa d-dmir tal-UE li tippromwovi qawmien ***effettiv*** ta' dawn it-territorji, filwaqt li tagħmel aktar sforzi biex tipprovdi liż-żoni rurali tagħna għodod adegwati biex jegħlbu l-isfidi konsiderevoli fit-tul li qed isibu quddiem wiċċhom, u li qed ikollhom impatt dejjem ikbar fuq il-kompetittività reġjonali u l-koeżjoni soċjali;	3. Jissottolinja li ż-żoni rurali għandhom rwol kruċjali fit-tiswir tal-mudelli ekonomiċi u tal-organizzazzjoni soċjali u territorjali tad-diversi Stati Membri, u jqis li huwa d-dmir tal-UE li tippromwovi qawmien ***u riġenerazzjoni ekonomika effettivi*** ta' dawn it-territorji, filwaqt li tagħmel aktar sforzi biex tipprovdi liż-żoni rurali tagħna għodod adegwati biex jegħlbu l-isfidi konsiderevoli fit-tul li qed isibu quddiem wiċċhom, u li qed ikollhom impatt dejjem ikbar fuq il-kompetittività reġjonali u l-koeżjoni soċjali;

Or. es

Emenda 97
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Sofie Eriksson, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-bliet żgħar u ta' daqs medju bħala ċentri ta' żvilupp fir-reġjuni rurali u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu speċifikament il-funzjonijiet ekonomiċi, soċjali u infrastrutturali tagħhom, jagħtu ħajja ġdida liċ-ċentri tal-bliet, jużaw aħjar is-sinerġiji bejn iż-żoni rurali u r-reġjuni metropolitani kbar, u jiżguraw żvilupp territorjali aktar bilanċjat;

Or. en

Emenda 98
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jappella għall-ħolqien ta' garanzija ta' paga minima fl-UE kollha fl-agrikoltura, fit-turiżmu, u fis-servizzi rurali sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u sigurtà ekonomika fiż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 99
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Sofie Eriksson, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jappella għal appoġġ akbar għan-nisa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari

permezz ta' miżuri sabiex jittejjeb l-aċċess għall-impjiegi, għall-edukazzjoni, għall-kura tas-saħħa u għall-infrastruttura soċjali, kif ukoll il-protezzjoni mill-vjolenza u l-prevenzjoni tal-vjolenza, sabiex tiġi promossa l-parteċipazzjoni ekonomika u soċjali tagħhom; jenfasizza li għandhom jinħolqu programmi mmirati sabiex jappoġġjaw lill-intraprendituri nisa fir-reġjuni rurali sabiex tissaħħaħ l-indipendenza ekonomika tagħhom;

Or. en

Emenda 100
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Klára Dobrev, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Sofie Eriksson, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3c. Jissottolinja l-urġenza ta' miżuri sabiex jiġi miġġieled il-faqar fiż-żoni rurali billi jiġu żviluppati strateġiji mmirati biex tittejjeb is-sigurtà soċjali, jinħolqu opportunitajiet ekonomiċi, u jiġu appoġġjati l-popolazzjonijiet partikolarment vulnerabbli sabiex jitkisser iċ-ċiklu tal-faqar;

Or. en

Emenda 101
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Sofie Eriksson, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3d. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa miżuri sabiex tippromwovi l-

integrazzjoni soċjali u ekonomika tal-migranti fir-reġjuni rurali sabiex tiġġieled in-nuqqas ta' ħaddiema u tiġġenera momentum ekonomiku ġdid;

Or. en

Emenda 102
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Sofie Eriksson, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3e. Jenfasizza l-ħtieġa għal aktar investiment fir-riċerka u fl-innovazzjoni għaż-żoni rurali, b'mod partikolari fl-oqsma tal-agrikoltura sostenibbli, tal-enerġija rinnovabbli, tat-trasformazzjoni diġitali, u tas-soluzzjonijiet innovattivi għall-mobilità, sabiex jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tar-reġjuni rurali u jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjieg;

Or. en

Emenda 103
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Klára Dobrev, Sofie Eriksson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3f. Jappella għall-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli fiż-żoni rurali b'involviment qawwi tas-soċjetà ċivili u tal-komunitajiet lokali; jenfasizza l-ħtieġa għal proġetti mmexxija mill-komunità, għal inċentivi finanzjarji, u għal proċessi amministrattivi simplifikati sabiex

tingħata spinta lill-indipendenza u lis-sostenibbiltà tal-enerġija reġjonali;

Or. en

Emenda 104
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ ***l-Artikolu 174*** tat-TFUE u tiżgura li l-politiki kollha tal-UE japplikaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni", speċjalment fiż-żoni rurali;	4. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ ***l-Artikoli 174 u 175*** tat-TFUE u tiżgura li l-politiki kollha tal-UE japplikaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni", speċjalment fiż-żoni rurali***, u sabiex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' verifika rurali għall-inizjattivi tal-UE sabiex jiġi vvalutat l-impatt potenzjali tagħhom fuq iż-żoni rurali permezz tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt Territorjali.***; ***jinnota li l-verifika rurali għandha tevalwa wkoll il-kost tan-nuqqas ta' azzjoni għaż-żoni rurali u għall-partijiet ikkonċernati rurali, u tkun marbuta mill-qrib mal-Prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti"; iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi effettivi għall-verifika rurali fil-livell nazzjonali u jistieden lill-Kummissjoni tgħinhom; jissottolinja l-importanza li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u reġjonali fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' verifika rurali, kif ukoll fil-governanza tagħhom kemm fil-livell Ewropew kif ukoll dak nazzjonali;***

Or. en

Emenda 105
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ l-Artikolu 174 tat-TFUE u tiżgura li l-politiki kollha tal-UE japplikaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni", speċjalment fiż-żoni rurali;	4. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ l-Artikolu 174 tat-TFUE ***permezz ta' fondi tal-UE li jinkludu l-FEŻR, il-FSE u l-PAK*** u tiżgura li l-politiki kollha tal-UE japplikaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni", speċjalment fiż-żoni rurali; ***jistieden lill-Kummissjoni tallinja l-istrateġiji tal-iżvilupp rurali partikolarment mal-PAK u jistieden lill-Istati Membri jallinjaw il-PAK mal-istrateġiji settorjali nazzjonali tagħhom (l-istrateġiji dwar l-agrikoltura, it-trasport, l-akkomodazzjoni, urbani, ambjentali u klimatiċi);***

Or. en

Emenda 106
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ l-Artikolu 174 tat-TFUE u tiżgura li l-politiki kollha tal-UE japplikaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni", speċjalment fiż-żoni rurali;	4. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ l-Artikolu 174 tat-TFUE u tiżgura li l-politiki kollha tal-UE ***mhux biss*** japplikaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni", ***iżda wkoll li jsegwu approċċ assertiv ta' "koeżjoni pożittiva" kull meta jkun possibbli,*** speċjalment fiż-żoni rurali***, u jwettqu valutazzjoni tal-impatt aktar dettaljata tal-leġiżlazzjoni f'dan ir-rigward***;

Or. pl

Emenda 107

Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ l-Artikolu 174 tat-TFUE u tiżgura li l-politiki kollha tal-UE japplikaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni", speċjalment fiż-żoni rurali;	4. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ l-Artikolu 174 tat-TFUE u tiżgura li l-politiki kollha tal-UE japplikaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni", speċjalment fiż-żoni rurali ***li huma partikolarment affettwati mit-tranżizzjoni industrijali, mill-iżviluppi demografiċi bħar-reġjuni l-aktar fit-Tramuntana, il-gżejjer, ir-reġjuni transfruntiera u dawk muntanjużi***;

Or. en

Emenda 108
Francesco Ventola, Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ l-Artikolu 174 tat-TFUE u tiżgura li l-politiki kollha tal-UE japplikaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni", speċjalment fiż-żoni rurali;	4. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ l-Artikolu 174 tat-TFUE***, biex tnaqqas id-distakk infrastrutturali bejn ir-reġjuni,*** u tiżgura li l-politiki kollha tal-UE japplikaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni", speċjalment fiż-żoni rurali;

Or. it

Emenda 109
Paulo Do Nascimento Cabral, Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ ***l-Artikolu 174*** tat-TFUE u tiżgura li l-politiki kollha tal-UE japplikaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni", speċjalment fiż-żoni rurali;	4. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ ***l-Artikoli 174 u 349*** tat-TFUE u tiżgura li l-politiki kollha tal-UE japplikaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni", speċjalment fiż-żoni rurali ***u fir-Reġjuni Ultraperiferiċi***;

Or. en

Emenda 110
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Klára Dobrev, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-Politika ta' Koeżjoni għall-iżvilupp taż-żoni rurali bħala għodda b'saħħitha għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali, li tippermetti lill-partijiet kollha tal-unjoni jilħqu l-potenzjal tagħha; jenfasizza f'dan ir-rigward li l-politika ta' koeżjoni għandha tkompli tkun pilastru ewlieni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) wara l-2027, b'allokazzjoni li tkun komparabbli mas-sehem attwali tagħha, li tfassal Ewropa aktar reżiljenti u kompetittiva li ma tħalli lil ħadd lura; li l-prinċipji fundamentali tal-politika ta' koeżjoni bħas-sħubija, il-governanza f'diversi livelli, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ġestjoni kondiviża għandhom jiġu rispettati sabiex jitrawwem l-iżvilupp fiż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 111
Cristina Guarda, Ana Miranda Paz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jilqa' l-kunċett ta' Żoni Rurali Funzjonali bħala approċċ innovattiv sabiex jiġu deskritti ż-żoni rurali billi jiġu integrati l-bliet tas-suq ċentrali mal-hinterland tagħhom, sabiex b'hekk ikun jista' jsir tqabbil aktar armonizzat tal-indikaturi soċjoekonomiċi; jenfasizza li dan l-approċċ jista' jikkontribwixxi biex jinftehmu aħjar iż-żoni rurali lil hinn mit-tipoloġiji u mill-konfini amministrattivi eżistenti; iqis li huwa essenzjali li dan il-kunċett ġdid tal-UE jiġi implimentat bis-sħiħ sabiex jiġu identifikati ż-żoni "mhux funzjonali" jew "dežerti ta' funzjonijiet/servizzi pubbliċi", b'mod partikolari fiż-żoni remoti u fir-reġjuni muntanjużi;

Or. en

Emenda 112
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***4b. Jinnota bi tħassib li ż-żoni rurali u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom ma jitqisux biżżejjed meta jiġu allokati l-fondi tal-Fond ta' Koeżjoni, u dawn jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għaż-żamma tal-vitalità tar-reġjuni; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni Ewropea tesplora l-possibbiltà li talloka riżorsi adegwati għaż-żoni rurali u muntanjużi fil-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni li jmiss u li tirrevedi l-metodoloġija tal-allokazzjoni kurrenti li tikkomplementa l-**

PDG fil-livell reġjonali ma' indikaturi oħrajn li jistgħu jqisu aħjar id-disparitajiet intrareġjonali li qed jikbru fil-prattika;

Or. en

Emenda 113
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija rurali bil-ħsieb tal-programmazzjoni ta' wara l-2027;	5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija rurali bil-ħsieb tal-programmazzjoni ta' wara l-2027; ***il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss jirrappreżenta opportunità essenzjali biex il-fondi Ewropej jiġu mmirati lejn iż-żoni rurali; il-Kummissjoni Ewropea, il-koleġiżlaturi u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkollaboraw mill-qrib biex jiżguraw li r-riżorsi jiġu allokati b'mod effiċjenti u li l-politiki ta' koeżjoni jirrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawn iż-żoni, b'attenzjoni partikolari għall-istrumenti ta' appoġġ għat-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi taż-żgħażagħ u tan-nisa, kif ukoll in-nisa vittmi ta' vjolenza, sabiex jerġgħu jidħlu fis-soċjetà permezz tax-xogħol; dan kollu jirriżulta mit-titjib tas-servizzi u mill-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi;***

Or. it

Emenda 114
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija rurali bil-ħsieb tal-programmazzjoni ta' wara l-2027;	5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija rurali bil-ħsieb tal-programmazzjoni ta' wara l-2027; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jallokaw riżorsi speċifiċi sabiex jimmodernizzaw l-agrikoltura, b'appoġġ tal-SMEs rurali u jippromwovu ktajjen tal-provvista qosra sabiex jagħmlu ż-żoni rurali aktar kompetittivi, reżiljenti u attraenti għaż-żgħażagħ u għall-investituri, u b'hekk jiżguraw żvilupp bilanċjat u sostenibbli fit-tul;***

Or. ro

Emenda 115
Raúl de la Hoz Quintano, Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija rurali bil-ħsieb tal-programmazzjoni ta' wara l-2027;	5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija rurali bil-ħsieb tal-programmazzjoni ta' wara l-2027; ***li tingħata bażit speċifiku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li tali strateġija tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali taż-żoni rurali, tiggarantixxi il-preservazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fil-provvista tas-servizzi pubbliċi u tippromwovi l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni;***

Or. es

Emenda 116
Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija rurali bil-ħsieb tal-programmazzjoni ta' wara l-2027;	5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija rurali bil-ħsieb tal-programmazzjoni ta' wara l-2027; ***jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra serjament l-isfidi li jiffaċċjaw iż-żoni rurali fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-futur wara l-2027;***

Or. en

Emenda 117
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija rurali bil-ħsieb tal-programmazzjoni ta' wara l-2027;	5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija rurali bil-ħsieb tal-programmazzjoni ta' wara l-2027 ***u tuża l-approċċ tal-verifika rurali b'mod aktar mifrux fil-politiki rilevanti kollha bħall-politiki reġjonali, ambjentali u tas-saħħa;***;

Or. en

Emenda 118
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jenfasizza l-importanza ewlenija tal-integrar tal-kunċett tal-irħula intelliġenti fil-politika ta' koeżjoni u sabiex jiġi appoġġat espliċitament l-iżvilupp tal-irħula intelliġenti bħala għodda innovattiva għar-rivitalizzazzjoni taż-żoni rurali; jikkunsidra li dan il-kunċett irid isir pilastru tal-istrateġija

Ewropea għall-iżvilupp territorjali, filwaqt li jiżgura aċċess ekwu għall-infrastruttura diġitali, għal servizzi pubbliċi moderni u għal opportunitajiet ekonomiċi kompetittivi; jirrimarka li l-iżvilupp tal-irħula intelliġenti għandu jiġi appoġġjat minn finanzjament dedikat, xieraq u flessibbli, li jista' jinkludi fondi Ewropej multipli biex jiġi żgurat approċċ integrat;

Or. ro

Emenda 119
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissottolinja li l-baġit li jmiss tal-UE għall-2028-2034 għandu jkun imfassal b'mod strateġiku sabiex isaħħaħ l-ekonomija Ewropea, jappoġġja l-industriji, l-SMEs, u n-negozji ġodda, u joħloq impjiegi lokali u rurali filwaqt li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 120
Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover, Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jindirizzaw l-isfida demografika u l-ġlieda kontra d-depopolazzjoni bl-ogħla prijorità fl-Unjoni Ewropea;

Or. es

Emenda 121
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jenfasizza li Politika ta' Koeżjoni u Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) robusti huma essenzjali sabiex jiggarantixxu d-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" fiż-żoni rurali, kif enfasizzat fir-Rapport Letta, billi jrawmu l-istabbiltà ekonomika u jipprevjenu d-depopolazzjoni permezz ta' investiment immirat fl-infrastruttura, fis-servizzi, u fl-innovazzjoni;

Or. en

Emenda 122
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5c. Iqis li l-allokazzjonijiet baġitarji għall-Politika ta' Koeżjoni u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għandhom jinżammu sa limitu minimu ekwivalenti għal-livelli kurrenti tal-QFP 2021-2027, filwaqt li jiġi żgurat ir-rwol fundamentali tagħhom fit-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali, fit-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u fl-appoġġ tal-iżvilupp rurali; jenfasizza li kwalunkwe tnaqqis fil-finanzjament għal dawn il-politiki jdgħajjef l-impenn tal-Unjoni għal żvilupp ibbilanċjat u sostenibbli, b'mod partikolari f'reġjuni anqas żviluppati, rurali u fi tranżizzjoni li jiddependu ħafna fuq il-koeżjoni u fuq l-

appoġġ agrikolu;

Or. en

Emenda 123
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza, Francesco Torselli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni futura;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni futura***, b'tali mod li l-inizjattivi politiki kollha jkunu konsistenti mal-objettiv li jitnaqqsu d-disparitajiet territorjali; iqis li huwa essenzjali li jiġu definiti strateġiji fit-tul li jkunu kapaċi jappoġġjaw iż-żoni rurali, b'enfasi fuq il-prinċipju tal-koeżjoni u tas-sostenibbiltà u li jipprovdu l-istrumenti meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi, soċjali u ekonomiċi sabiex jiġi żgurat li dawn iż-żoni ma jsirux postijiet abbandunati, iżda jkunu jistgħu jsiru protagonisti tal-futur tal-Ewropa, mingħajr ma jkollhom jiddependu kontinwament minn interventi straordinarji; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tiżgura żvilupp importanti taż-żoni rurali fil-politika ta' koeżjoni futura, billi timpenja ruħha biex tistabbilixxi punt ta' informazzjoni fit-territorju li jappoġġja b'mod effettiv l-amministrazzjonijiet lokali fil-ġestjoni tar-riżorsi u fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi ta' żvilupp***;

Or. it

Emenda 124
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Elena Nevado del Campo, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni futura;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni futura; ***filwaqt li jirrikonoxxu li għalkemm it-tranżizzjoni ekonomika spiss tiffavorixxi r-reġjuni b'kapaċità akbar sabiex jattiraw investiment u ħaddiema tas-sengħa, ħafna żoni rurali u anqas żviluppati għandhom potenzjal sinifikanti għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, bħal dik eolika u solari, kif ukoll għall-qbid u għall-ħżin tal-karbonju f'ekosistemi naturali. L-isfruttar ta' dan il-potenzjal mhux biss irawwem l-iżvilupp lokali iżda jsaħħaħ ukoll is-sigurtà ġenerali tal-enerġija tal-Ewropa;***

Or. en

Emenda 125
Paulo Do Nascimento Cabral, Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni futura;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha***, ir-Reġjuni Ultraperiferiċi, u r-reġjuni transfruntiera bħala parti integrali u essenzjali tal-proġett Ewropew*** fil-politika ta' koeżjoni futura; ***jenfasizza li l-okkupazzjoni u r-rivitalizzazzjoni tar-reġjuni rurali, interni, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi huma kruċjali sabiex jiġu żgurati d-difiża u s-sigurtà tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, peress li jikkontribwixxu għall-koeżjoni territorjali, għar-reżiljenza soċjoekonomika, u għat-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għall-kriżijiet esterni;***

Or. en

Emenda 126
Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni futura;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni futura; ***jenfasizza r-rwol importanti li għandhom il-fondi tal-politika agrikola komuni u tal-politika ta' koeżjoni fil-promozzjoni tat-tkabbir u tal-iżvilupp fiż-żoni rurali; jemmen li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra bil-qawwa dan ir-rwol fil-konfigurazzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali futur wara l-2027; iqis li l-inklużjoni tal-FAEŻR fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni hija konformi mal-objettivi ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni;***

Or. en

Emenda 127
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni futura;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni futura ***u tipprovdi pjattaforma u appoġġ finanzjarju għall-Istati Membri sabiex jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki, sabiex jinvolvu ruħhom fi proġetti ta' ġemellaġġ u ta' żjarat fuq il-post b'mod partikolari;***; ***jistieden lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu sistema istituzzjonali xierqa***

b'responsabbiltajiet ċari u jiżguraw kollaborazzjoni adegwata ta' atturi differenti li jarmonizzaw diversi interessi;

Or. en

Emenda 128
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni futura;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni futura***, inkluż billi tiggarantixxi dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha, notevolment permezz tal-implimentazzjoni ta' programmi bħall-istrateġija ta' appoġġ għal "rħula żgħar intelliġenti", sabiex tabilita, tippromwovi u ssaħħaħ l-innovazzjoni fiż-żoni rurali madwar l-Ewropa***;

Or. en

Emenda 129
Raúl de la Hoz Quintano, Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni futura;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni futura ***u li l-ġestjoni tal-fondi marbutin magħha tiġi ssimplifikata, inklużi l-kriterji tad-depopolazzjoni, id-dispersjoni u t-tixjiħ fost il-parametri li għandhom jiġu kkunsidrati***;

Or. es

Emenda 130
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni ***futura***;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dimensjoni ta' żvilupp rurali b'saħħitha ***u olistika*** fil-politika ta' koeżjoni ***ta' wara l-2027 billi tinkludi mmirar u allokazzjoni reġjonali speċifiċi fil-livell tal-UE għaż-żoni rurali, b'limitu minimu ta' għajnuna fil-Ftehimiet ta' Sħubija***;

Or. en

Emenda 131
Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali (GAL) fl-implimentazzjoni ta' approċċi minn isfel għal fuq għall-iżvilupp rurali, primarjament permezz tal-metodu LEADER fil-kuntest tal-Politika Agrikola Komuni (PAK); għalkemm ma jservux bħala mekkaniżmi ta' twassil dirett għall-politika ta' koeżjoni, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-objettivi tagħha billi jrawmu l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità; jenfasizza li t-tisħiħ tas-sinerġija bejn il-politika ta' koeżjoni u LEADER jista' potenzjalment itejjeb l-effettività tal-iżvilupp rurali;

Or. en

Emenda 132
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jirrikonoxxi li filwaqt li ġew introdotti xi miżuri ta' simplifikazzjoni, ħafna Awtoritajiet ta' Ġestjoni u benefiċjarji għadhom jiffaċċjaw pożijiet amministrattivi eċċessivi; iwissi li r-rekwiżiti burokratiċi kumplessi jxekklu l-aċċess għall-finanzjament, b'mod partikolari għall-awtoritajiet rurali b'kapaċità amministrattiva limitata—dawk l-aktar fil-bżonn tal-Politika ta' Koeżjoni u ta' appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR);

Or. en

Emenda 133
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jieħu nota tal-Istrateġija mħabbra għat-Tiġdid Ġenerazzjonali mill-Kummissjoni Ewropea u jenfasizza r-rwol importanti tal-bdiewa żgħażagħ fil-modernizzazzjoni tal-agrikoltura tal-UE u fil-ħolqien ta' aktar opportunitajiet fiż-żoni rurali; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lil investimenti ffokati u lil interventi ta' politika sabiex jitrawwem tiġdid ġenerazzjonali effettiv;

Or. en

Emenda 134
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina t-tfassil tal-programmi ta' finanzjament Ewropej kollha meta tfassal il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss għas-snin 2028 sal-2035 fir-rigward tal-ħtiġijiet taż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 135
Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippproponu inizjattivi li jippromwovu l-għajxien fiż-żoni rurali permezz tal-possibbiltajiet ġodda miftuħa mit-tranżizzjoni diġitali bħall-espansjoni tax-xogħol mill-bogħod;

Or. en

Emenda 136
Elsi Katainen, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jissottolinja li l-prinċipju tad-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju jeħtieġ

azzjoni fuq bosta livelli, bħal investiment konsiderevoli fl-infrastruttura diġitali, l-edukazzjoni, il-grilji tal-elettriku, il-provvista tal-ilma u t-toroq;

Or. en

Emenda 137
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex b'garanziji ta' delimitazzjoni ogħla tisfrutta l-potenzjal akbar ta' approċċi minn isfel għal fuq bħas-CLLD u l-LEADER;

Or. en

Emenda 138
Jan Farský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-kontinwazzjoni tal-appoġġ għal tranżizzjoni ġusta fiż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 139
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jitlob li l-qafas 2028-2034 jintroduċi aktar simplifikazzjonijiet kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali, li jiżgura sett ta' regoli armonizzati fil-fondi kollha sabiex jiffaċilita l-aċċess tal-benefiċjarji u jimmassimizza r-rati ta' assorbiment; jenfasizza li kapaċità amministrattiva b'saħħitha hija kruċjali għall-eżekuzzjoni effettiva tal-Fondi ta' Koeżjoni u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), inkluż għall-korpi intermedjarji, għall-partijiet interessati, u għall-benefiċjarji tal-proġetti;

Or. en

Emenda 140
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida politiċi għall-finanzjament taż-żoni rurali u tiddeskrivi għażliet għal aktar azzjoni bbażata fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE. Dawn il-linji gwida għandhom jgħinu sabiex jiġi żgurat li ż-żoni rurali jirċievu finanzjament u appoġġ adegwati, filwaqt li jindirizzaw l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw dawn ir-reġjuni;

Or. en

Emenda 141
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jissuġġerixxi li d-Direttorati Ġenerali rilevanti kollha tal-Kummissjoni Ewropea jwettqu valutazzjoni tal-impatt territorjali tal-politiki rispettivi tagħhom mill-inqas darbtejn għal kull perjodu ta' programmazzjoni. Dawn l-evalwazzjonijiet jistabbilixxu bażi referenzjarja aktar preċiża u jidentifikaw modi kif il-karatteristiċi taż-żoni rurali jiġu integrati fil-politiki Ewropej b'mod aktar effettiv;

Or. en

Emenda 142
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Maravillas Abadía Jover, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jenfasizza li l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għandu jkompli jkun disponibbli għar-reġjuni kollha (żviluppati, ta' tranżizzjoni u anqas żviluppati) sabiex jindirizzaw l-isfidi speċifiċi tagħhom; ir-reġjuni għandhom ikomplu jkunu involuti ferm fl-allokazzjoni u fil-ġestjoni tal-fondi ta' koeżjoni, bil-Prinċipju ta' Sħubija bħala valur ċentrali;

Or. en

Emenda 143
Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-miżuri kollha li jappoġġjaw iż-żoni rurali, interni, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi biex jiżguraw il-futur u l-prosperità tagħhom;	7. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-miżuri kollha li jappoġġjaw iż-żoni rurali, interni, ***transfruntiera,*** muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi biex jiżguraw il-futur u l-prosperità tagħhom; ***jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni transfruntiera sabiex jippermettu ekonomiji ta' skala meta jipprovdu servizzi u infrastrutturi bażiċi fiż-żoni rurali affettwati;***

Or. en

Emenda 144
Marta Wcisło, Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-miżuri kollha li jappoġġjaw iż-żoni rurali, interni, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi biex jiżguraw il-futur u l-prosperità tagħhom;	7. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-miżuri kollha li jappoġġjaw iż-żoni rurali, interni, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi***, kif ukoll ir-reġjuni fil-fruntieri esterni tal-UE, inklużi dawk bi fruntieri mar-Russja, mal-Belarussja u mal-Ukrajna li huma l-aktar affettwati mill-gwerra,*** biex jiżguraw il-futur u l-prosperità tagħhom;

Or. en

Emenda 145
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-miżuri kollha li jappoġġjaw iż-żoni rurali, interni, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi biex jiżguraw il-futur u l-prosperità tagħhom;	7. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-miżuri kollha li jappoġġjaw iż-żoni rurali, interni, ***tal-bordura kontinentali,*** muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi biex jiżguraw il-futur u l-prosperità tagħhom;

Or. en

Emenda 146
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jissottolinja l-importanza ta' appoġġ imsaħħaħ għar-reġjuni u għaż-żoni rurali ġirien tar-Russja, tal-Ukrajna u tal-Belarussja, minħabba l-impatt ekonomiku u soċjali tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu miżuri finanzjarji u ta' politika mmirati sabiex itaffu t-tfixkil ekonomiku, jappoġġjaw l-ekonomiji lokali, u jsaħħu r-reżiljenza f'dawn iż-żoni;

Or. en

Emenda 147
Elsi Katainen, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirrikonoxxi u taġixxi fir-rigward tal-pressjoni fuq ir-reġjuni li jinsabu fil-

fruntieri esterni tal-UE li jmissu mar-Russja. Il-gwerra Russa kontra l-Ukrajna affettwat b'mod negattiv il-vitalità u l-benesseri ta' dawn ir-reġjuni u xeħtet is-sigurtà tal-UE f'riskju;

Or. en

Emenda 148
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jimplimentaw diversi programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera peress li l-kooperazzjoni transfruntiera għandha rwol importanti sabiex tgħaqqad flimkien żoni rurali diversi;

Or. en

Emenda 149
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE***, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi*** soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi ***tagħhom, inkluż l-involviment tal-awtoritajiet*** reġjonali u lokali;	8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE ***u jenfasizza li l-iżvilupp effettiv tagħhom jista' jinkiseb biss billi jiġu osservati l-prinċipji ta' ġestjoni kondiviża, ta' governanza f'diversi livelli, u ta' approċċ ibbażat fuq il-post;*** jappella għal soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi ***taż-żoni rurali filwaqt li jissaħħu l-istrateġiji fit-tul għal tkabbir sostenibbli u inklużiv; jenfasizza***

f'dan ir-rigward il-ħtieġa li jiġu involuti bis-sħiħ l-awtoritajiet reġjonali u lokali ***mill-fażi ta' programmazzjoni 'l quddiem, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipju sussidjarju filwaqt li jitrawmu l-koerenza tal-politika u żvilupp territorjali bilanċjat***;

Or. en

Emenda 150
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, inkluż l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali;	8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, inkluż l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali***, li jinsabu fl-aħjar post biex jidentifikaw l-isfidi u l-ħtiġijiet kurrenti fil-livell reġjonali u lokali; jenfasizza l-importanza li jinżamm mudell deċentralizzat għall-programmazzjoni u għall-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni bbażat fuq il-prinċipju ta' sħubija u ta' governanza f'diversi livelli;***

Or. pl

Emenda 151
Elsi Katainen, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom,	8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom,

inkluż l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali;	inkluż l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali; ***jenfasizza li r-reżiljenza hija essenzjali sabiex il-livelli lokali u reġjonali jkunu jistgħu jtaffu sfidi li jiġu għal għarrieda, jadattaw għalihom, u jirkupraw minnhom, filwaqt li jiżguraw il-benesseri tal-komunità, is-sigurtà u s-sostenibbiltà fit-tul;***
	Or. en

Emenda 152
Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, inkluż l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali;	8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, inkluż l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali; ***jenfasizza l-importanza ta' soluzzjonijiet minn isfel għal fuq peress li ż-żoni rurali huma diversi ħafna, u għalhekk ir-reazzjonijiet u s-soluzzjonijiet għandhom ikunu mfasslin apposta sabiex jaqblu mal-ħtiġijiet u mal-possibbiltajiet speċifiċi ta' kull territorju;***
	Or. en

Emenda 153
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta	8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta

għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, inkluż l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali;

għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, inkluż l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali; ***jenfasizza li l-approċċ ta' ġestjoni għall-politiki rilevanti għall-iżvilupp taż-żoni rurali jeħtieġ li jkun ikkoordinat, integrat u multisettorjali fl-implimentazzjoni tiegħu;***

Or. en

Emenda 154
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, inkluż l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali;	8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, inkluż l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali ***li jippromwovu l-prinċipju ta' sħubija, ta' djalogu msaħħaħ, ta' sjieda, ta' responsabbiltà u jżidu l-aċċess dirett għall-fondi tal-UE għall-benefiċjarji finali***;

Or. en

Emenda 155
Paulo Do Nascimento Cabral, Maravillas Abadía Jover, Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, inkluż l-involviment tal-awtoritajiet	8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, inkluż l-involviment tal-awtoritajiet

reġjonali u lokali;	reġjonali u lokali ***li jsaħħu approċċ fuq diversi livelli f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, li huwa essenzjali sabiex jiġi żgurat is-suċċess tal-politiki adottati;***;

Or. en

Emenda 156
Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, inkluż l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali;	8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, inkluż l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali; ***għalhekk jitlob li jiġi żgurat aċċess aktar dirett tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni;***

Or. en

Emenda 157
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Maravillas Abadía Jover, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, inkluż l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali;	8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, inkluż l-involviment ***b'saħħtu*** tal-awtoritajiet reġjonali u lokali;

Or. en

Emenda 158
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, ***inkluż l-involviment tal-awtoritajiet*** reġjonali u lokali;	8. Jissottolinja d-diversità taż-żoni rurali tal-UE, li l-viżjoni fit-tul tagħhom tirrikjedi soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi tagħhom, ***filwaqt li jiġu involuti aktar l-awtoritajiet*** reġjonali u lokali;

Or. it

Emenda 159
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm kemm jista' jkun adattament għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fis-settur tal-ikel u tal-biedja sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-produzzjoni tal-ikel u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-bdiewa; jenfasizza li l-Politika ta' Koeżjoni trid tappoġġja bis-sħiħ l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet klimatiċi fl-agrikoltura u fl-ikel, li huma setturi relatati, u tiżgura li l-programmi u l-proġetti ta' finanzjament kollha tal-UE jkunu inkorporati fi strateġiji li jappoġġjaw objettivi klimatiċi ambizzjużi; jinnota li l-Politika ta' Koeżjoni u l-istrateġiji ambjentali reġjonali joffru opportunitajiet sabiex jingħata appoġġ lill-investimenti sostenibbli tal-bdiewa u tal-maniġers tal-foresti fl-adattament għat-tibdil fil-klima,

b'mod partikolari bl-għan li jiġu pprevenuti l-għargħar, in-nixfa u n-nirien; jissuġġerixxi li fil-ġejjieni dawn l-opportunitajiet jiġu enfasizzati, sabiex l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali jitħeġġu jagħmlu użu sħiħ minn dawn il-possibbiltajiet[1a]; jenfasizza l-importanza li l-istrateġiji ambjentali reġjonali jintrabtu ma' miri klimatiċi ambizzjużi, filwaqt li jitqies il-kontribut potenzjali tas-settur tal-biedja, tal-ipproċessar tal-ikel u tal-forestrija;

[1a] Gancheva, M., Geraci, M., Truc, M., u Tertre, L., 2024, Research for REGI Committee – Climate adaptation using Cohesion Policy: Fostering adaptation, regional resilience and economic sustainability (Riċerka għall-Kumitat REGI – L-adattament għat-tibdil fil-klima bl-użu tal-Politika ta' Koeżjoni: Inrawmu l-adattament, ir-reżiljenza reġjonali u s-sostenibbiltà ekonomika), il-Parlament Ewropew, Dipartiment Tematiku għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni, Brussell

Or. en

Emenda 160
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jenfasizza l-importanza li jiġu protetti u promossi l-minoranzi lingwistiċi fiż-żoni rurali tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jiġu rikonoxxuti bħala parti integrali mill-wirt kulturali Ewropew u bħala mutur tal-iżvilupp reġjonali; jenfasizza li l-promozzjoni tal-lingwi minoritarji tista' ssaħħaħ l-għarfien tal-ispeċifiċitajiet lokali, iżid l-attrazzjoni turistika u

trawwem attivitajiet ekonomiċi marbutin mal-kultura, mal-edukazzjoni, mas-snajja', u mal-prodotti tradizzjonali; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw riżorsi tal-politika ta' koeżjoni sabiex jappoġġjaw proġetti għall-promozzjoni lingwistika, għat-taħriġ, għat-turiżmu kulturali, u għall-intraprenditorija lokali konnessi mat-tradizzjonijiet lingwistiċi u kulturali tar-reġjun;

Or. en

Emenda 161
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jinnota li rapport reċenti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar żbalji fl-infiq ta' koeżjoni tal-UE 2014-2020 sab differenzi kbar fir-rigward tar-rati ta' żbalji residwi bejn l-Istati Membri tal-UE meta jonfqu l-Fondi Strutturali tal-UE; jipproponi, sabiex jistimula u jippremja mġiba tajba, li jagħti lill-pajjiżi b'rati ta' żbalji residwi konsistentement baxxi kundizzjonijiet ta' kofinanzjament aktar favorevoli fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss;

Or. en

Emenda 162
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

8a. Iwissi li bidla lejn deċiżjonijiet ċentralizzati ta' ppjanar, ta' governanza u ta' investiment fil-kuntest tal-baġit li jmiss tal-UE tista' ddgħajjef ir-rwol tal-gvernijiet reġjonali, lokali u rurali; jissottolinja li ċentralizzazzjoni eċċessiva tista' twassal għal ineffiċjenzi burokratiċi, għal dewmien, u għal sfidi fl-assorbiment tal-fondi, li fl-aħħar mill-aħħar inaqqsu l-effettività tal-investimenti tal-UE fl-iżvilupp rurali;

Or. en

Emenda 163
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jissottolinja li l-piżijiet sproporzjonati, bħall-iżvantaġġi strutturali inerenti ffaċċjati miż-żoni rurali, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntieri, għandhom jiġu kkumpensati b'reġim separat għall-għajnuna reġjonali mfassal speċifikament għar-reġjuni tal-fruntieri;

Or. en

Emenda 164
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Iheġġeġ inizjattivi li jippromwovu s-sostenibbiltà ekonomika u soċjali, inkluż l-appoġġ għall-intraprenditorija rurali, it-

turiżmu rurali u mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni;

Or. ro

Emenda 165
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***8b. Jissottolinja li r-restawr tal-bijodiversità fiż-żoni rurali huwa essenzjali sabiex jissalvagwardja s-servizzi tal-ekosistema, itejjeb ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, u jiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tal-ekonomiji rurali; jissottolinja li ż-żieda fil-funzjonalità u fil-konnettività ekoloġika tal-pajsaġġi rurali hija strumentali sabiex jitreġġa' lura t-telfien tal-bijodiversità u tiġi mmitigata d-degradazzjoni tar-riżorsi naturali; jappella għal sinerġiji aktar b'saħħithom bejn il-Politika Agrikola Komuni u l-Politika ta' Koeżjoni sabiex jiġi promoss ir-restawr tal-bijodiversità, tittejjeb il-konnettività tal-ħabitats, u jiġu appoġġjati soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura li jtejbu l-funzjonalità tal-ekosistema; jenfasizza li integrazzjoni aħjar ta' dawn il-politiki tista' tipprovdi lill-komunitajiet rurali r-riżorsi finanzjarji u tekniċi meħtieġa sabiex jimplimentaw prattiki sostenibbli tal-ġestjoni tal-art, jirrestawraw l-ekosistemi degradati, u joħolqu infrastruttura ekoloġika li tappoġġja kemm il-bijodiversità kif ukoll l-iżvilupp rurali; jenfasizza li r-restawr tal-bijodiversità mhux biss jillimita t-telf ekonomiku marbut mal-produttività aktar baxxa iżda jippreżenta wkoll opportunitajiet ekonomiċi għall-bdiewa u għall-operaturi bis-saħħa ta' flussi ta'**

introjtu ġodda permezz ta' pagamenti għas-servizzi tal-ekosistema u għall-ekoturiżmu;

Or. en

Emenda 166
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jissottolinja li sabiex jiġu żgurati l-prosperità fit-tul taż-żoni rurali u l-importanza ta' settur agrikolu b'saħħtu sabiex tinżamm din il-prosperità fiż-żoni rurali, huwa essenzjali li jissaħħu s-sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE (FSIE) u Orizzont Ewropa, il-programm emblematiku ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-UE, u l-Politika Agrikola Komuni (PAK) fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss;

Or. en

Emenda 167
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jappella għal qafas ta' governanza li jiżgura li t-teħid ta' deċiżjonijiet jibqa' qrib it-territorji kkonċernati, filwaqt li jsaħħaħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà u jagħti s-setgħa lill-awtoritajiet reġjonali, lokali u rurali fit-tiswir u fl-implimentazzjoni ta' politiki li jaffettwaw direttament lill-komunitajiet tagħhom;

Or. en

Emenda 168
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jitlob li 0,26 fil-mija tal-baġit tal-UE għall-Politika ta' Koeżjoni għandu jkun riżervat esklużivament għall-iżvilupp tar-reġjuni tal-fruntieri ("biljun għall-bordura kontinentali") fil-bidu ta' kull perjodu ta' programmazzjoni ġdid, li jibda mill-perjodu 2028-2034;

Or. en

Emenda 169
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Jisħaq fuq l-opportunità li tissaħħaħ in-nisġa ekonomika u soċjali fiż-żoni rurali, b'mod partikolari għall-bdiewa, billi jintuża l-potenzjal mhux sfruttat tal-produzzjoni integrata tal-enerġija rinnovabbli filwaqt li jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat li jissalvagwardja l-produzzjoni agrikola u tal-ikel, jipproteġi l-bijodiversità, u jirrispetta l-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali; jappella għall-prijoritizzazzjoni ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli li jintegraw b'mod sostenibbli fil-pajsaġġ rurali, jippromwovu l-awtosuffiċjenza tal-enerġija għall-ekonomiji lokali u fil-livell tal-azjendi

agrikoli, u jevitaw impatti negattivi fuq is-sigurtà tal-ikel, fuq id-disponibbiltà u l-prezzijiet tal-art kif ukoll fuq il-koeżjoni soċjali;

Or. en

Emenda 170
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni effettiva tal-awtoritajiet reġjonali, lokali u rurali fil-programm tal-Politika ta' Koeżjoni u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) mit-tħejjija u l-programazzjoni sal-implimentazzjoni, it-twettiq u l-evalwazzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun akkumpanjat minn Prinċipju ta' Sħubija msaħħaħ, li jagħmlu rekwiżit fundamentali għall-investimenti u għar-riformi strateġiċi kollha;

Or. en

Emenda 171
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Jissuġġerixxi li l-"biljun għall-bordura kontinentali" għandu jiġi fdat direttament lir-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) jew lil strutturi simili oħrajn, li għandhom jiġu inkarigati bil-ġestjoni indipendenti

tiegħu u bid-distribuzzjoni tiegħu fost il-proġetti;

Or. en

Emenda 172
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8d. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità b'mod partikolari lill-appoġġ finanzjarju għall-Komunitajiet tal-Enerġija Rinnovabbli fiż-żoni rurali, filwaqt li jirrikonoxxu l-potenzjal tagħhom sabiex itejbu d-demokrazija tal-enerġija, isaħħu l-ekonomiji lokali, itaffu l-prekarjetà enerġetika, iżidu s-sjieda fi proġetti lokali u jikkontribwixxu għar-reżiljenza għall-klima; jissottolinja l-importanza li l-esperjenzi ta' suċċess kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha jintużaw bħala bażi, b'mod partikolari fir-rigward tal-involviment attiv tal-bdiewa, sabiex jiġi żgurat aċċess ġust għall-benefiċċji tal-enerġija rinnovabbli, jiġi promoss l-użu sostenibbli tal-art, u titrawwem koeżjoni soċjali u ekonomika fil-komunitajiet rurali; jistieden f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi assistenza teknika lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li ssegwi wkoll l-esperjenza pożittiva taċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-Komunità dwar l-Enerġija Rurali;

Or. en

Emenda 173
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu,

Gabriella Gerzsenyi, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8d. Jistieden lill-Istati Membri sabiex ineħħu l-ostakli eżistenti u jagħtu lir-REKT livell ogħla ta' awtonomija fl-għażla tal-proġetti u fl-użu tal-fondi, b'mod partikolari billi jinnominaw ir-REKT bħala awtoritajiet ta' ġestjoni għall-programmi Interreg skont l-Artikolu 45(4) tar-Regolament Interreg, isaħħu l-kapaċità istituzzjonali u finanzjarja tagħhom skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament Interreg, jew jappuntawhom bħala benefiċjarji sabiex jimmaniġġjaw fondi ta' proġetti żgħar skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament Interreg;

Or. en

Emenda 174
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8e. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ikunu allinjati mal-Istrateġija futura għar-Reżiljenza tal-Ilma u jgħaddu minn proċess komprensiv ta' verifika tar-reżiljenza għall-ilma; jenfasizza li l-finanzjament pubbliku Ewropew għandu jappoġġja b'mod attiv it-tnaqqis fil-konsum tal-ilma u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma billi jagħti prijorità lill-investimenti fir-restawr tal-ekosistema tal-ilma ħelu, jespandi s-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament għall-klima, u jimplimenta miżuri

preventivi, kosteffiċjenti u b'livell baxx ta' dispjaċir; jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza tal-ilma sabiex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u r-reżiljenza fit-tul, b'mod partikolari fiż-żoni rurali u agrikoli; jenfasizza l-importanza li tiġi ssalvagwardjata l-aċċessibbiltà għall-ilma għall-komunitajiet kollha permezz ta' approċċi parteċipattivi filwaqt li jiġu appoġġjati kemm l-istabbiltà ekonomika kif ukoll il-ħarsien tal-ambjent;

Or. en

Emenda 175
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8e. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni toħloq inċentivi għall-Istati Membri sabiex jadottaw dawn l-għażliet bl-għan li jagħtu lir-REKT rwol aktar sinifikanti fl-ilħuq tal-Objettiv ta' Politika 5 tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE għall-2021-2027, jiġifieri li jqarrbu lill-Ewropa lejn iċ-ċittadini tagħha;

Or. en

Emenda 176
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8f. Jenfasizza l-importanza taż-żamma tal-Prinċipju tas-Sħubija mit-

thejjija, il-programmazzjoni u l-għażla tal-proġetti sal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tagħhom, kif ukoll li tiġi stabbilita kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-NGOs tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-partijiet ikkonċernati, li jinkludu l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa u l-NGOs ambjentali; jissottolinja li dan il-proċess għandu jqis kif xieraq il-perspettiva tal-ġeneru;

Or. en

Emenda 177
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Elena Nevado del Campo, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;	9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji; ***jissottolinja r-rwol importanti tal-ekonomija soċjali fit-twassil ta' dawn is-servizzi essenzjali, fit-trawwim ta' impjiegi lokali, u fl-iżgurar ta' tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli f'żoni rurali u remoti; jenfasizza li l-kooperattivi, is-soċjetajiet reċiproċi, l-intrapriżi soċjali, u atturi oħrajn tal-ekonomija soċjali jista' jkollhom rwol ewlieni fiż-żamma tas-servizzi fejn il-mekkaniżmi tas-suq tradizzjonali ma humiex biżżejjed, biex jippromwovu l-koeżjoni soċjali u r-reżiljenza ekonomika; jistieden lill-***

Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess għal finanzjament u miżuri ta' appoġġ imfasslin apposta għal inizjattivi tal-ekonomija soċjali li jindirizzaw il-ħtiġijiet lokali u jikkontribwixxu għall-iżvilupp reġjonali;

Or. en

Emenda 178
Cristina Guarda, Ana Miranda Paz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;	9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji; ***jinnota b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żviluppat b'mod urġenti aċċess fiż-żoni rurali għal servizzi tas-saħħa mentali għall-bdiewa u għall-kura riproduttiva għan-nisa u servizzi favur iż-żgħażagħ imfasslin għall-ħtiġijiet tal-adoloxxenti, inklużi spazji ta' rikreazzjoni aċċessibbli, ċentri taż-żgħażagħ, u appoġġ immirat għas-saħħa mentali; jissottolinja li l-iżgurar ta' aċċess għal sett bażiku ta' prodotti u ta' servizzi pubbliċi għaċ-ċittadini kollha, irrispettivament minn fejn jgħixu, huwa kruċjali sabiex jinżamm il-prinċipju tad-"Dritt li Wieħed Jibqa' fit-Territorju";***

Or. en

Emenda 179
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq ***l-opportunità*** li jiġu żgurati ***s-servizzi*** tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, ***tal-aċċess*** diġitali u ***ta'*** servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;	9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu ***lill-abitanti*** servizzi ***pubbliċi*** ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni***, filwaqt li jiżguraw aċċess ekwu għalihom,*** u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq ***il-ħtieġa*** li jiġu żgurati ***servizzi*** tal-kura tas-saħħa, ***soluzzjonijiet tal-mobilità innovattivi***, servizzi tat-trasport u ta' kollegament ***sostenibbli***, ***servizzi*** tal-ilma, servizzi tal-edukazzjoni, ***infrastruttura*** diġitali u servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji; ***iħeġġeġ l-appoġġ għall-iżvilupp ta' sistema ta' kura tas-saħħa u tal-edukazzjoni mfassla apposta għall-bżonnijiet tal-komunitajiet rurali, u t-taħriġ vokazzjonali;***

Or. ro

Emenda 180
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju	9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju

adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;	adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji; ***jitlob li dawn is-servizzi jiġu pprovduti primarjament permezz ta' inizjattivi ffinanzjati mill-pubbliku u mmexxija mill-komunità sabiex jiġu żgurati l-aċċessibilità, l-affordabbiltà, u l-kontroll demokratiku fuq is-servizzi essenzjali;***
	Or. en

Emenda 181
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi ***tal-kura tas-saħħa,*** tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;	9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji***, kif ukoll il-kura tas-saħħa li tinkludi s-servizzi ta' spas mediċi, li fiha potenzjal mhux sfruttat għall-kompetittività u għall-ħolqien tal-impjiegi, li jnaqqas id-distakk bejn iż-żoni rurali u urbani, kif ukoll it-titjib tas-saħħa tal-bniedem u l-kwalità tal-ħajja***;
	Or. en

Emenda 182

Sérgio Gonçalves, Sabrina Repp, Hannes Heide, Raffaele Topo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;	9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji; ***jitlob għat-tisħiħ tal-istrumenti finanzjarji li jappoġġjaw l-intraprenditorija rurali, il-kooperattivi, u l-iżvilupp ta' ktajjen ta' valur lokali, li jrawmu d-diversifikazzjoni ekonomika;***

Or. en

Emenda 183
Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;	9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji; ***jemmen li***

l-aċċess għal dawn is-servizzi pubbliċi u infrastruttura ta' kwalità huwa fundamentali sabiex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet tal-għajxien xierqa fiż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 184
Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;	9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji; ***ifakkar li l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità għandhom jitqiesu b'mod partikolari;***

Or. en

Emenda 185
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fil-ħtieġa li ***dawn iż-żoni*** jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom	9. Ifakkar fil-ħtieġa li ***ż-żoni rurali*** jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni ***sabiex jittejjeb l-għajxien tagħha*** u li

tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;	jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp ***ekonomiku u soċjali*** sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, ***servizzi ta' ġestjoni tal-ilma u*** tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;

Or. en

Emenda 186
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fil-ħtieġa li ***dawn iż-żoni jkunu*** jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;	9. Ifakkar fil-ħtieġa li ***ż-żoni rurali, inklużi r-reġjuni tal-bordura kontinentali, ikunu*** jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;

Or. en

Emenda 187
Paulo Do Nascimento Cabral, Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati ***s-servizzi*** tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;	9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati ***akkomodazzjoni affordabbli, servizzi*** tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;

Or. en

Emenda 188
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;	9. Ifakkar fil-ħtieġa li dawn iż-żoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali lill-popolazzjoni u li jivvalorizzaw il-punti b'saħħithom tagħhom sabiex jiksbu żvilupp sostenibbli, li għalih iridu jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat; jinsisti, għal dan l-għan, fuq l-opportunità li jiġu żgurati s-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport u ta' kollegament, tal-ilma, tal-edukazzjoni, ***tat-taħriġ,*** tal-aċċess diġitali u ta' servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji;

Or. it

Emenda 189
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 9 – punt a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(a) Jistieden lill-Kummissjoni, fejn jidħol il-qasam tas-saħħa, tintegra fl-istrateġija tagħha dwar l-"e-Saħħa" miżuri speċifiċi għaż-żoni identifikati bħala rurali, sabiex tipprovdi appoġġ sod lill-faċilitajiet tas-saħħa fit-territorju għat-titjib tat-teknoloġiji u jitlob li titqies il-possibbiltà ta' inizjattiva biex titjieb il-prestazzjoni ta' tali faċilitajiet; jipproponi wkoll lill-Istati Membri programm ta' skrinjar maħsub għaż-żoni rurali; jitlob ukoll li tiġi implimentata assistenza amministrattiva li jkollha l-għan li tfassal il-pjanijiet u r-reġistri ta' prevenzjoni; jistieden lill-Istati Membri jqisu l-ispeċifitajiet tat-territorju f'dawn iż-żoni u jippromwovu l-ħolqien ta' "spiżeriji rurali", sabiex in-networks tal-ispiżeriji jiġu adattati għall-kriterji kollha speċifiċi ta' żoni rurali, li jipprevedu koordinazzjoni speċifika għall-provvista ta' mediċini u apparat mediku; dan kollu, bil-għan li jiġu ssimplifikati u adattati l-ħtiġijiet tal-faċilitajiet tas-saħħa għat-territorji individwali; jistieden lill-Istati Membri, fl-aħħar nett, ikomplu jsaħħu lil dawn l-ispiżeriji, li diġà huma definiti bħala rurali xi mkien ieħor, rigward il-provvista ta' servizzi tal-ewwel għajnuna u ta' appoġġ;

Or. it

Emenda 190
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza li l-espansjoni tal-pjanijiet ta' Investiment Territorjali

Integrat (ITI) u l-isfruttar tal-potenzjal shih tagħhom jistgħu jistabbiluhom bħala l-pedament għall-iżvilupp reġjonali, lokali u rurali integrat; jenfasizza li t-tishih tar-rwol tal-ITI fiż-żoni rurali huwa essenzjali sabiex titrawwem il-koeżjoni territorjali, tittejjeb il-konnettività, u jitmexxa tkabbir ekonomiku inklużiv billi jiġu appoġġjati setturi ewlenin bħall-agrikoltura, l-SMEs rurali, it-turiżmu, u l-enerġija rinnovabbli;

Or. en

Emenda 191
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali ma jassoċjawx il-kura tas-saħħa fiż-żoni rurali mar-restrizzjonijiet ekonomiċi, peress li dan jista' jfisser l-għeluq jew it-tnaqqis ta' faċilitajiet tal-ewwel għajnuna jew faċilitajiet tal-isptar bażiċi sabiex jiġu ggarantiti servizzi essenzjali li huma indispensabbli għall-iżvilupp taż-żoni rurali;

Or. it

Emenda 192
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jinnota li ż-żoni rurali jbatu minn aċċess limitat għal servizzi essenzjali tal-

kura tas-saħħa, b'nuqqas ta' faċilitajiet u ta' persunal mediku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw pjan għat-telemediċina, għat-tisħiħ tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa lokali, u inċentivi għat-tobba li jaħdmu f'żoni rurali;

Or. en

Emenda 193
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jappella għal proġetti addizzjonali u investiment akbar, f'konformità mal-istrateġiji nazzjonali u reġjonali tal-ġestjoni tar-riskju, sabiex jissaħħu l-preparatezza u r-reżiljenza taż-żoni rurali kontra avvenimenti klimatiċi estremi, filwaqt li jibnu fuq l-appoġġ diġà pprovdut mill-politika ta' koeżjoni;

Or. en

Emenda 194
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza li filwaqt li t-treġġigħ lura tad-depopolazzjoni rurali huwa objettiv siewi, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien għaċ-ċittadini kollha tal-UE għandu jibqa' prijorità, b'mod partikolari permezz tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiġi żgurat li anke ż-żoni li huma l-anqas

popolati jibbenefikaw minn appoġġ immirat;

Or. en

Emenda 195
Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza l-ħtieġa għal miżuri mmirati sabiex jissaħħaħ l-aċċess għall-kura tas-saħħa f'żoni rurali, inklużi unitajiet mediċi mobbli, servizzi tat-telemediċina, u inċentivi sabiex il-professjonisti tal-kura tas-saħħa jitħeġġu jaħdmu f'reġjuni remoti;

Or. en

Emenda 196
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Klára Dobrev, Sofie Eriksson, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jappella għal aċċess imtejjeb għal kura tas-saħħa ta' kwalità fiż-żoni rurali permezz ta' servizzi mediċi msaħħa, spiżeriji, infermiera tas-saħħa tal-komunità, u soluzzjonijiet tas-saħħa diġitali;

Or. en

Emenda 197
Maravillas Abadía Jover, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jitlob li sabiex jiġu ffaċċjati r-riskji klimatiċi li qed jikbru u li qed jolqtu b'mod partikolari lin-Nofsinhar tal-Ewropa, il-Politika ta' Koeżjoni tintegra l-ilma bħala vettur ta' koeżjoni bejn ir-reġjuni billi tappoġġja strateġiji ta' adattament globali u li jħarsu 'l quddiem fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, l-infrastruttura reżiljenti, it-tħejjija għad-diżastri, u jitlob li l-istress idriku jitqies bħala kriterju għall-allokazzjoni tal-fondi ta' koeżjoni;

Or. en

Emenda 198
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jissottolinja t-theddida dejjem akbar tad-deżertifikazzjoni u tal-iskarsezza tal-ilma għal ħafna żoni rurali fl-Ewropa, b'mod partikolari fil-baċir tal-Mediterran; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi investimenti f'infrastruttura tal-ilma innovattiva, bħall-użu mill-ġdid tal-ilma tad-drenaġġ ittrattat, sistemi ta' tisqija intelliġenti, u l-bini ta' ġibjuni għall-ħżin tal-ilma tax-xita;

Or. en

Emenda 199
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jiġbed l-attenzjoni għat-tixjiħ tal-forza tax-xogħol tal-biedja u għall-fatt li azjenda agrikola waħda biss minn kull għoxrin hija mmexxija minn bdiewa taħt il-35 sena; f'dan il-kuntest, jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdied l-appoġġ mogħti lill-bdiewa żgħażagħ permezz tal-politika agrikola komuni, inklużi għotjiet għall-installazzjoni, aċċess preferenzjali għall-art u self b'rata tal-imgħax baxxa; jenfasizza wkoll l-importanza li jissaħħu l-programmi ta' taħriġ u ta' mentoraġġ vokazzjonali sabiex jiġu żgurati t-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura;

Or. ro

Emenda 249
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Klára Dobrev, Sofie Eriksson, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. jenfasizza d-"dritt li wieħed jibqa'

fit-territorju" għaż-żgħażagħ fiż-żoni rurali billi jimplimentaw miżuri mmirati li joħolqu edukazzjoni ta' kwalità għolja u opportunitajiet ta' impjieg, jipprovdu prospetti ekonomiċi, u jespandu l-infrastruttura soċjali, filwaqt li jippermettu liż-żgħażagħ jaraw futur fir-reġjun ta' oriġini tagħhom; jappella għal programmi ta' finanzjament immirati sabiex jappoġġjaw lill-intraprendituri żgħażagħ fiż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 250
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jappella għal appoġġ finanzjarju dirett, għal programmi ta' aċċess għall-art, u għal għotjiet sabiex jagħtu s-setgħa lill-bdiewa żgħażagħ u lill-kooperattivi taż-żgħażagħ, filwaqt li jiżguraw it-tiġdid ġenerazzjonali fl-ekonomiji rurali;

Or. en

Emenda 251
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi Fond Ewropew għall-Intraprenditorija taż-Żgħażagħ fiż-Żoni Rurali, b'enfasi speċjali fuq ir-reġjuni milqutin minn qgħad għoli fost iż-żgħażagħ u l-eżodu ta' mħuħ; il-fond

għandu jappoġġja n-negozji ġodda rurali, l-agrikoltura innovattiva, it-turiżmu sostenibbli, u d-diġitalizzazzjoni permezz ta' strumenti finanzjarji u inċentivi fiskali ddedikati;

Or. en

Emenda 252
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu estiżi l-programmi ta' mobilità għaż-żgħażagħ u għall-professjonisti sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn opportunitajiet ta' karriera mingħajr ma jkollhom għalfejn jitilqu mir-reġjuni rurali, u b'hekk jagħmlu użu mid-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" tagħhom;

Or. ro

Emenda 253
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11d. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' strateġija Ewropea integrata għall-għoti ta' ħajja ġdida liż-żoni rurali, li timmira lejn miżuri fiskali, ekonomiċi u soċjali sabiex tinżamm il-popolazzjoni attiva; jenfasizza wkoll il-valur tal-introduzzjoni ta' inċentivi għar-rilokazzjoni ta' professjonisti fl-oqsma tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll l-importanza tas-

sħubijiet bejn l-awtoritajiet lokali u s-settur privat għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda;

Or. ro

Emenda 254
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11e. Jenfasizza l-importanza li r-reġjuni u l-ibliet jaqdu rwol importanti fl-iżvilupp tal-provvista tal-akkomodazzjoni fil-komunitajiet tagħhom; jikkunsidra, f'dan il-kuntest, li l-iżvilupp ta' akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli fiż-żoni rurali jista' jkun soluzzjoni effettiva biex iż-żgħażagħ jiġu attirati u jinżammu, u b'hekk jikkontribwixxi għar-rivitalizzazzjoni ta' dawn ir-reġjuni, li jfisser li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jaqdu rwol ċentrali fl-istimolu tal-investiment għall-iżvilupp ta' akkomodazzjoni sostenibbli fiż-żoni rurali;

Or. ro

Emenda 255
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11f. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' investiment sostanzjali fl-edukazzjoni u fit-taħriġ fiż-żoni rurali sabiex iheġġu liż-żgħażagħ isiru attivi fis-suq tax-xogħol u jiżviluppaw ħiliet adattati għall-ħtiġijiet

tal-ekonomija lokali, u wkoll li jinħolqu opportunitajiet edukattivi u ta' taħriġ li jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom;

Or. ro

Emenda 256
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li kulħadd ikollu aċċess ugwali għall-miżuri ħalli jiksbu ħiliet ta' kwalità u jilħqu l-objettivi professjonali tagħhom, kif ukoll għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; jiddeplora l-fatt li f'ħafna oqsma, ix-xogħol tan-nisa bħalissa ma jgawdix minn possibbiltajiet u kundizzjonijiet ġusti, u jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi promoss ambjent favorevoli għall-impjieg tan-nisa, li jipprevedi l-appoġġ għall-familji;	12. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li kulħadd ikollu aċċess ugwali għall-miżuri ħalli jiksbu ħiliet ta' kwalità u jilħqu l-objettivi professjonali tagħhom, kif ukoll għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; jiddeplora l-fatt li f'ħafna oqsma, ix-xogħol tan-nisa bħalissa ma jgawdix minn possibbiltajiet u kundizzjonijiet ġusti, u jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi promoss ambjent favorevoli għall-impjieg tan-nisa, li jipprevedi l-appoġġ għall-familji; ***jissottolinja li l-appoġġ għan-nisa fiż-żoni rurali huwa kruċjali għal varjetà ta' raġunijiet, inklużi l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-trawwim tat-tkabbir ekonomiku, l-avvanzar tal-iżvilupp tal-komunità, it-tnaqqis tal-faqar, u l-iżgurar tas-sostenibbiltà ambjentali; jenfasizza li n-nisa għandhom rwol f'diversi livelli fl-iżvilupp rurali, bħala ħaddiema, bdiewa u sidien ta' negozji, u jisħaq li l-importanza tagħhom fiż-żoni rurali u fl-ekonomija lokali hija injorata; jisħaq li għandha tingħata attenzjoni speċjali lin-nisa fiż-żoni rurali meta jitfasslu l-programmi strutturali ta' appoġġ soċjali u ta' żvilupp reġjonali; jenfasizza li l-indirizzar ta' dawn l-ostakli huwa kruċjali sabiex in-nisa jingħataw is-setgħa u sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom fil-komunitajiet rurali;***

Or. en

Emenda 257
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li kulħadd ikollu aċċess ugwali għall-miżuri ħalli jiksbu ħiliet ta' kwalità u jilħqu l-objettivi professjonali tagħhom, kif ukoll ***għall-edukazzjoni u t-taħriġ*** vokazzjonali; jiddeplora l-fatt li f'ħafna oqsma, ix-xogħol tan-nisa bħalissa ma jgawdix minn possibbiltajiet u kundizzjonijiet ġusti, u jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi promoss ambjent favorevoli għall-impjieg tan-nisa, li jipprevedi l-appoġġ għall-familji;	12. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li kulħadd ikollu aċċess ugwali għall-miżuri ħalli jiksbu ħiliet ta' kwalità u jilħqu l-objettivi professjonali tagħhom, kif ukoll ***għal programmi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ*** vokazzjonali ***mfassla għas-setturi emerġenti bħall-agrikoltura sostenibbli, l-enerġija rinnovabbli u t-turiżmu rurali, filwaqt li jitrawmu wkoll inizjattivi mmexxijin miż-żgħażagħ, jiġi promoss l-involviment ċiviku, u jissaħħu n-networks soċjali sabiex jittejbu l-koeżjoni soċjali u l-apprendiment mhux formali għaż-żgħażagħ fiż-żoni rurali***; jiddeplora l-fatt li f'ħafna oqsma, ix-xogħol tan-nisa bħalissa ma jgawdix minn possibbiltajiet u kundizzjonijiet ġusti, u jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi promoss ambjent favorevoli għall-impjieg tan-nisa, li jipprevedi l-appoġġ għall-familji ***kollha sabiex jiġu żgurati sistemi tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja kif ukoll appoġġ għall-ġenituri***;

Or. en

Emenda 258
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

12. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li kulħadd ikollu aċċess ugwali għall-miżuri ħalli jiksbu ħiliet ta' kwalità u jilħqu l-objettivi professjonali tagħhom, kif ukoll għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; jiddeplora l-fatt li f'ħafna oqsma, ix-xogħol tan-nisa bħalissa ma jgawdix minn possibbiltajiet u kundizzjonijiet ġusti, ***u*** jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi promoss ambjent favorevoli għall-impjieg tan-nisa, li jipprevedi l-appoġġ għall-familji;	12. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li kulħadd ikollu aċċess ugwali għall-miżuri ħalli jiksbu ħiliet ta' kwalità u jilħqu l-objettivi professjonali tagħhom, kif ukoll għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; jiddeplora l-fatt li f'ħafna oqsma, ix-xogħol tan-nisa bħalissa ma jgawdix minn possibbiltajiet u kundizzjonijiet ġusti, ***peress li spiss isibu quddiem wiċċhom sfidi addizzjonali, fosthom aċċess limitat għall-opportunitajiet ta' xogħol, nuqqas ta' miżuri suffiċjenti għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u nuqqas ta' faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal***; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi promoss ambjent favorevoli għall-impjieg tan-nisa, li jipprevedi l-appoġġ għall-familji;
	Or. it

Emenda 259
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li kulħadd ikollu aċċess ugwali għall-miżuri ħalli jiksbu ħiliet ta' kwalità u jilħqu l-objettivi professjonali tagħhom, kif ukoll għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; jiddeplora l-fatt li f'ħafna oqsma, ix-xogħol tan-nisa bħalissa ma jgawdix minn possibbiltajiet u kundizzjonijiet ġusti, u jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi promoss ambjent favorevoli għall-impjieg tan-nisa, li jipprevedi l-appoġġ għall-familji;	12. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li kulħadd ikollu aċċess ugwali għall-miżuri ħalli jiksbu ħiliet ta' kwalità u jilħqu l-objettivi professjonali tagħhom, kif ukoll għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; jiddeplora l-fatt li f'ħafna oqsma, ix-xogħol tan-nisa bħalissa ma jgawdix minn possibbiltajiet u kundizzjonijiet ġusti, u jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi promoss ambjent favorevoli għall-impjieg tan-nisa, li jipprevedi l-appoġġ għall-familji; ***jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żviluppati opportunitajiet indaqs għal nies vulnerabbli bħall-persuni b'diżabilità;***
	Or. en

Emenda 260
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li kulħadd ikollu aċċess ugwali għall-miżuri ħalli jiksbu ħiliet ta' kwalità u jilħqu l-objettivi professjonali tagħhom, kif ukoll għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; jiddeplora l-fatt li f'ħafna oqsma, ix-xogħol tan-nisa bħalissa ma jgawdix minn possibbiltajiet u kundizzjonijiet ġusti, u jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi promoss ambjent favorevoli għall-impjieg tan-nisa, li jipprevedi l-appoġġ għall-familji;	12. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li kulħadd ikollu aċċess ugwali għall-miżuri ħalli jiksbu ħiliet ta' kwalità u jilħqu l-objettivi professjonali tagħhom, kif ukoll għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; jiddeplora l-fatt li f'ħafna oqsma ***u b'mod partikolari fiż-żoni rurali***, ix-xogħol tan-nisa bħalissa ma jgawdix minn possibbiltajiet u kundizzjonijiet ġusti, u jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi promoss ambjent favorevoli għall-impjieg tan-nisa, li jipprevedi l-appoġġ għall-familji ***inkluż l-indukrar tat-tfal***;

Or. en

Emenda 261
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jirrimarka li huwa neċessarju li jiġu implimentati politiki u miżuri li jappoġġjaw iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol fiż-żoni rurali, li għadha ddominata mill-irġiel, bil-parteċipazzjoni tan-nisa tammonta għal 31,6 % biss fl-2022 skont l-istatistiċi tal-Eurostat; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jingħata appoġġ lil politiki li jiffaċilitaw l-aċċess tan-nisa għal riżorsi essenzjali għall-iżvilupp tal-azjendi agrikoli, bħall-aċċess għall-kreditu, is-sussidji agrikoli u t-taħriġ vokazzjonali kontinwu, sabiex jgħinu biex jitnaqqsu d-disparitajiet bejn il-ġeneri fis-settur billi

tiġi promossa klima li twassal għall-intraprenditorija tan-nisa;

Or. ro

Emenda 262
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex iżidu l-għarfien dwar il-possibilitajiet eżistenti u futuri ta' finanzjament tal-UE għall-intraprendituri nisa fiż-żoni rurali u sabiex jagħmluhielhom aktar faċli sabiex jiksbu aċċess għall-finanzjament; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali sabiex jagħmlu użu mill-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej eżistenti sabiex jippromwovu lin-nisa intraprendituri;

Or. en

Emenda 263
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jissottolinja l-ħtieġa li jinħoloq aċċess aħjar għall-kapital, għall-għotjiet u għas-self għall-intrapriżi agrikoli, li ta' spiss jitqiesu bħala investimenti ta' riskju għoli. B'mod partikolari għall-SMEs, l-aċċess aktar faċli għar-riżorsi finanzjarji kkombinat ma' sħubijiet privati-pubbliċi, il-finanzjament barra l-karta bilanċjali u sistema tal-kontabilità aktar flessibbli

huma prerekwiżiti għall-iżvilupp;

Or. en

Emenda 264
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Klára Dobrev, Sofie Eriksson, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jappella għal miżuri mmirati sabiex jippromwovu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fiż-żoni rurali, inklużi mudelli tax-xogħol flessibbli, opportunitajiet tax-xogħol diġitali, offerti mtejbin ta' divertiment u ta' edukazzjoni, u l-promozzjoni ta' strutturi ta' kura u ta' appoġġ ibbażati fil-komunità għall-familji;

Or. en

Emenda 265
Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' appoġġ għall-familji u għall-komunitajiet rurali bi skemi estensivi ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jirrikonoxxi l-importanza li jiġu żgurati s-servizzi neċessarji tas-saħħa materna u tal-kura tat-tfal sabiex jippermettu t-tkabbir tal-popolazzjoni fiż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 266
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jenfasizza r-rwol ewlieni tas-sensibilizzazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien fiż-żoni rurali billi jmexxu 'l quddiem diversi programmi ta' kampanji edukattivi, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u jagħmluhom parti integrali mill-kurrikuli tal-iskejjel;

Or. en

Emenda 267
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jappella għal politiki ta' impjieg ugwali bejn il-ġeneri, inklużi leġiżlazzjoni dwar paga ugwali, dispożizzjonijiet dwar il-liv tal-ġenituri, u appoġġ finanzjarju għall-intraprendituri nisa fiż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 268
André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-	13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-

ħolqien tal-impjiegi; rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li ***jipproteġi t-territorji lokali u*** jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali;	ħolqien tal-impjiegi; rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali; ***jitlob li parti sinifikanti mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni tkun iddedikata għal proġetti agrikoli li jippromwovu l-awtosuffiċjenza alimentari, id-diversifikazzjoni tal-kulturi u ktajjen qosra tal-konsum, tal-produzzjoni u tar-riċiklaġġ, minn perspettiva tan-nies tal-lokal; fl-aħħar mill-aħħar jappella biex fl-Unjoni Ewropea jiġu stabbiliti standards agrikoli distinti bejn il-kontinent Ewropew u r-reġjuni ultraperiferiċi (RU), adattati għar-realtajiet tal-klima tropikali u subtropikali tal-maġġoranza tar-reġjuni ultraperiferiċi, li huma sorsi ta' differenzjali tad-dawl tax-xemx u x-xita meta mqabbla mal-kontinent Ewropew;***

Or. fr

Emenda 269
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni	13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u ***u element ewlieni biex tiġi żgurata l-ġestjoni***

interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u ***jrawmu t-tiġdid*** ġenerazzjonali;

sostenibbli tat-territorju, u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; ***Jeħtieġ li l-bdiewa jiġu appoġġjati fit-triq tal-innovazzjoni u tad-diversifikazzjoni, filwaqt li tiġi promossa l-kompetittività tal-intrapriżi agrikoli. It-tranżizzjoni lejn mudell aktar sostenibbli trid tiġi indirizzata b'approċċ ibbilanċjat, li jqis l-ispeċifiċitajiet lokali u l-ħtiġijiet ekonomiċi tal-komunitajiet rurali, mingħajr ma jiġu furzati bidliet li jirriskjaw li jimminaw l-iżvilupp fit-tul tagħhom.*** jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati***, iż-żoni agrikoli totali qed jonqsu*** u ***jitrawwem it-tiġdid*** ġenerazzjonali;

Or. it

Emenda 270
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd	13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd

ta’ azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali;	ta’ azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali; ***jistieden lill-Istati Membri u lir-reġjuni jipprijoritizzaw, anke fil-Programmi tal-Politika ta’ Koeżjoni tal-qafas finanzjarju kurrenti, investimenti li jippromwovu u jsaħħu s-salvagwardja tal-impjiegi eżistenti fis-settur agroalimentari u l-ħolqien ta’ impjiegi ta’ kwalità bi drittijiet adegwati u b’pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol stabbli u regolati, kif ukoll li jiġġieldu b’mod effettiv u deċiżiv il-faqar u l-esklużjoni soċjali fiż-żoni rurali;***
	Or. en

Emenda 271
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f’termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta’ eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f’dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta’ azjendi agrikoli ***u jappoġġjaw l-introjtu u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid*** ġenerazzjonali;	13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f’termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta’ eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f’dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni ***b’saħħitha u mmirata*** biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta’ azjendi agrikoli ***billi jnaqqsu l-piżijiet regolatorji eċċessivi, jiżguraw kundizzjonijiet tas-suq ġusti, u jipprovdu aċċess aħjar għall-innovazzjoni, għall-investiment u għal sorsi ta’ introjtu addizzjonali; jinsisti li l-appoġġ tal-kapaċità tal-qligħ tal-bdiewa u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-ikel***

huma kruċjali sabiex tiġi żgurata ekonomija rurali vibranti u jitħeġġeġ it-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 272
Sofie Eriksson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali;	13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali; ***jirrikonoxxi l-potenzjal tal-bliet industrijali żgħar sabiex jieħdu rwol minn ta' quddiem fl-iżvilupp industrijali sostenibbli; jitlob appoġġ għal dawn ir-reġjuni sabiex isiru ċentri għall-innovazzjoni industrijali ekoloġika;***

Or. en

Emenda 273
Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover, Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali;	13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu u l-kompetittività tagħhom***, u jiffaċilitaw l-aċċess għar-riżorsi għaż-żgħażagħ li jagħżlu li jitħarrġu jew li għandhom professjonijiet fis-settur primarju permezz ta' eżenzjonijiet tat-taxxa u self b'imgħax baxx*** sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. es

Emenda 274
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat ***peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali*** u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu	13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel***, billi jiżguraw is-sigurtà tal-ikel fl-UE*** u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat ***billi dan is-settur jifforma l-pedament tal-ekonomija lokali*** u jservi ***wkoll*** bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu

u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali;

azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. pl

Emenda 275
Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali;	13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali; ***jemmen li strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u ta' diversifikazzjoni ekonomika jistgħu jippromwovu aktar opportunitajiet f'dawn l-oqsma;***

Or. en

Emenda 276
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw ***l-introjtu u l-kompetittività tagħhom*** sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali;	13. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u ***jgħin billi*** jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw ***il-prattika agrikola sostenibbli*** sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 277
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Sofie Eriksson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jissottolinja r-rwol ***ċentrali*** tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu	13. Jissottolinja r-rwol tal-agrikoltura u tas-settur agroalimentari f'termini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ħolqien tal-impjiegi, rwol li għandu jiġi valorizzat peress li għandu funzjoni li jipproteġi t-territorji lokali u jservi bħala mutur għall-iżvilupp u t-tkabbir taż-żoni interni u rurali, ħafna drabi rappreżentati minn prodotti tipiċi ta' eċċellenza fil-livell internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw l-introjtu

u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali;	u l-kompetittività tagħhom sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 278
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jirrikonoxxi li d-disparitajiet fl-aċċess għall-art, il-pagamenti diretti u l-appoġġ, kemm bejn l-Istati Membri tal-UE kif ukoll fihom, huma sfidi ewlenin li jridu jiġu indirizzati sabiex jiġi pprevenut it-tnaqqis reġjonali, sabiex il-bdiewa anzjani jkunu jistgħu jirtiraw b'dinjità, u sabiex iż-żgħażagħ jitħeġġu jidħlu fis-settur agrikolu, u b'hekk jitrawwem l-iżvilupp taż-żoni rurali; jitlob li l-Politika ta' Koeżjoni tappoġġja proġetti li għandhom l-għan li jtejbu l-aċċess għall-art, b'mod partikolari għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, filwaqt li tiżgura li ma jiġix allokat finanzjament għal proġetti li jikkontradixxu l-prinċipju ta' teħid tal-art żero nett, sabiex jiġi promoss użu sostenibbli tal-art u jiġu ssalvagwardjati ż-żoni rurali u agrikoli;

Or. en

Emenda 279
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Il-Parlament Ewropew iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea, anki fl-interess li tissaħħaħ il-pożizzjoni ekonomika u soċjali tar-reġjuni rurali tal-UE, sabiex tinforza ekwivalenza stretta tal-istandards tal-produzzjoni għall-prodotti agrikoli importati fl-UE u jissottolinja li l-bdiewa Ewropej ma għandhomx jiffaċċjaw kompetizzjoni inġusta minn prodotti li ma jissodisfawx l-istess rekwiżiti ambjentali, tat-trattament xieraq tal-annimali u tas-sikurezza tal-ikel; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tiżgura li l-ftehimiet kummerċjali jipproteġu l-istandards agrikoli Ewropej u jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa tal-UE;

Or. en

Emenda 280
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jirrikonoxxi li l-għanijiet ambizzjużi tat-tranżizzjoni ekoloġika jinvolvu riskji għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif ukoll għall-agrikoltura Ewropea; jenfasizza li n-numru ta' azjendi agrikoli fl-UE naqas b'madwar 37 %[1a] bejn l-2005 u l-2020 u jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex itaffu t-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u jappoġġjaw id-dħul u l-kompetittività tagħhom, sabiex jiġġieldu l-fatt li dawn it-territorji qed jiġu abbandunati u sabiex iħeġġu t-tiġdid ġenerazzjonali;

[1a] Farms and farmland in the European Union - statistics (Farms u art akrikola fl-Unjoni Ewropea - statistika), Eurostat, Novembru 2022

Or. pl

Emenda 281
Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta miżuri sabiex tipproteġi l-mudell tal-biedja tal-familja li jirfed it-territorju rurali, huwa aktar ekoloġiku u jiggarantixxi s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni Ewropea; jissottolinja l-ħtieġa ta' sistema ta' inċentivi tal-UE sabiex tillimita l-akkumulazzjoni tar-raba' f'fondi ta' investiment privati u ż-żieda konsegwenti fil-prezzijiet tal-art; jinsisti fuq il-protezzjoni tal-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju billi jissaħħaħ ir-rwol tal-kooperattivi u tal-bdiewa professjonali fil-politiki tal-UE;

Or. en

Emenda 282
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi għall-aċċess għall-fondi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) u l-Politika ta' Koeżjoni, billi jitnaqqsu l-piżijiet

burokratiċi għall-bdiewa u għan-negozji żgħar rurali billi tittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-livelli istituzzjonali involuti fil-ġestjoni tal-fondi, sabiex tiġi żgurata effiċjenza u tempestività akbar fil-forniment tar-riżorsi;

Or. it

Emenda 283
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jissottolinja li l-azjendi agrikoli tal-familja jiddominaw l-agrikoltura tal-UE, u jirrappreżentaw 94,8 % tal-azjendi agrikoli kollha, u madankollu jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fl-aċċess għall-finanzjament, għall-infrastruttura u għas-swieq; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri konkreti sabiex jappoġġjaw dawn l-azjendi agrikoli billi jissimplifikaw l-aċċess għall-kreditu, jimmodernizzaw l-infrastruttura rurali u jagħtu spinta lill-kooperattivi agrikoli;

Or. ro

Emenda 284
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jitlob li l-finanzjament rurali tal-UE jkun marbut aħjar mas-sostenibbiltà ambjentali u mal-protezzjoni tal-bijodiversità sabiex tiġi żgurata

tranżizzjoni ġusta lejn mudell agrikolu aktar ekoloġiku; jiddispjaċih li l-FAEŻR ma għadux fi ħdan il-politika ta' koeżjoni u jemmen li l-PAK jeħtieġ li tiġi ekoloġizzata fil-futur;

Or. en

Emenda 285
Denis Nesci, Francesco Ventola, Ruggero Razza, Antonella Sberna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Ifakkar ukoll fil-ħtieġa li dawn iż-żoni u l-azjendi u d-detenturi ta' żoni agrikoli u tal-foresti jirċievu appoġġ finanzjarju adegwat, maħsub ukoll bħala appoġġ għax-xiri ta' tagħmir anke minħabba l-funzjonalità tiegħu, bil-ħsieb li jkun hemm kompetittività Ewropea akbar;

Or. it

Emenda 286
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Sofie Eriksson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jenfasizza li l-promozzjoni tal-agrikoltura tista' tkun komponent neċessarju iżda mhux suffiċjenti ta' strateġija għall-iżvilupp rurali, peress li mhux in-nies kollha fiż-żoni rurali huma impjegati fis-settur agrikolu jew jgħixu fi strutturi agrikoli;

Or. en

Emenda 287
Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Huwa konxju bis-sħiħ li ż-żoni rurali għandhom rwol importanti fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; jenfasizza li t-tranżizzjonijiet għandhom jiġu implimentati gradwalment, abbażi ta' għanijiet li jistgħu jintlaħqu;

Or. en

Emenda 288
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Iqis li huwa kruċjali li niffukaw aktar fuq miżuri preventivi biex tiżdied ir-reżiljenza taż-żoni rurali tal-Ewropa meta jinqalgħu diżastri naturali; jisħaq li huwa essenzjali li nużaw approċċ integrat għall-ġestjoni tar-riżorsi l-ilma biex nindirizzaw f'daqqa żewġ riskji li qed ikunu dejjem aktar importanti f'ħafna reġjuni rurali, jiġifieri l-prevenzjoni ta' għargħar u l-ġestjoni tan-nixfa, kemm fl-ambitu agrikolu kif ukoll tal-ikel; il-bini ta' digi u riżervi jew it-tlestija ta' dawk li diġà jeżistu jridu jkunu ta' prijorità, anke peress li jistgħu jirrappreżentaw sors ta' provvista ta' enerġija nadifa; filwaqt li l-politika ta' koeżjoni diġà tappoġġja inizjattivi f'dan il-qasam, huma meħtieġa interventi u investimenti ġodda, allinjati mal-istrateġiji nazzjonali u reġjonali għall-ġestjoni tar-riskju, biex jiġi żgurat li

ż-żoni rurali jkunu aktar ippreparati u kapaċi jifilħu għal fenomeni klimatiċi estremi;

Or. it

Emenda 289
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jenfasizza r-rwol kruċjali taż-żoni rurali fit-tranżizzjoni diġitali u tal-kompetittività tal-Unjoni u jissottolinja l-ħtieġa ta' finanzjament xieraq biex jiġu promossi soluzzjonijiet innovattivi, inklużi l-biedja ta' preċiżjoni, it-teknoloġiji intelliġenti u l-prattiki sostenibbli; jindika l-importanza tal-miżuri ta' kumpens għall-bdiewa u għan-negozji rurali affettwati mit-tranżizzjoni, sabiex din it-tranżizzjoni tkun ġusta u ma tirriżultax f'disparitajiet soċjoekonomiċi ġodda; ifakkar fl-importanza ta' programmi u ta' politiki li jappoġġjaw it-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema fiż-żoni rurali sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq lokali u jitrażżnu milli jemigraw lejn żoni urbani;

Or. ro

Emenda 290
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jenfasizza li l-finanzjament

multiplu għadu jidher diffiċli f'xi pajjiżi, anke minħabba aspetti kritiċi sottostanti fl-istruttura kurrenti tal-QFP 2021-2027; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tesplora għażliet differenti għall-konsolidazzjoni tal-Fondi u ttejjeb is-sinerġiji bejn il-FAEŻR u l-Fondi ta' Koeżjoni, inkluż permezz tar-riintegrazzjoni tal-FAEŻR fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni;

Or. en

Emenda 291
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jisħaq fuq l-impatt tal-kummerċ jew tal-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli Ukreni fuq il-bdiewa li jvarja fost l-Istati Membri u r-reġjuni individwali tal-UE u l-iżbilanċi li jinħolqu bħala konsegwenza; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġjati dawk il-bdiewa u dawk ir-reġjuni Ewropej li ntlaqtu bl-agħar mod mill-kummerċ jew mill-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli Ukreni;

Or. pl

Emenda 292
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Klára Dobrev, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Għalhekk jirrimarka li l-finanzjament għall-iżvilupp rurali għandu

jkun ikkombinat b'mod flessibbli ma' fondi għall-iżvilupp reġjonali, skont il-mudell ta' programmi bħal LEADER u CLLD, sabiex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-piżijiet amministrattivi għar-riċevituri u tiġi involuta b'mod attiv is-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 293
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13c. Jenfasizza r-rwol ċentrali tal-inizjattivi ta' Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità fiż-żamma u fir-restawr ta' ekonomiji rurali lokali ħajjin u f'saħħithom, u l-ħtieġa li jinżamm livell suffiċjenti ta' finanzjament għall-programm LEADER; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-kapaċitajiet tal-programm LEADER; jistieden lill-Kummissjoni tuża r-riżultati tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-2024 għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, kif ukoll ir-riżultati u l-esperjenzi tal-implimentazzjoni tal-LEADER tal-FAEŻR, sabiex tappoġġja programmi għall-perjodu 2021-2027; jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni obbligatorja ta' ċertu sehem tal-baġit tal-Fond ta' Politika ta' Koeżjoni għas-CLLD;

Or. en

Emenda 294
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 13c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13c. Jilqa' l-allokazzjoni l-ġdida ta' self tal-pakkett ta' finanzjament ta' EUR 3 biljun għall-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd madwar l-Ewropa tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment bħala inizjattiva konkreta biex jitnaqqsu l-lakuni ta' finanzjament għall-SMEs fl-agrikoltura u l-bijoekonomija u jiġi ffaċilitat il-finanzjament għall-bdiewa żgħażagħ u nisa; jistieden lill-Grupp tal-BEI jesplora forom ġodda ta' appoġġ biex tiġi pprovduta l-likwidità lill-bdiewa u lill-SMEs fil-ktajjen tal-valur agrikoli u rurali;

Or. it

Emenda 295
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13d. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi ssimplifikat l-aċċess għall-Fondi ta' koeżjoni, b'mod partikolari għall-awtoritajiet lokali ta' territorji żgħar jew skarsament popolati b'riżorsi finanzjarji limitati; jappella għall-ħolqien ta' programm ta' assistenza teknika mogħni b'rata ta' 100 % finanzjament tal-UE u mfassal speċifikament għal muniċipalitajiet iżgħar u żoni transfruntiera, remoti u rurali li jiffaċċjaw sfidi ġodda bħat-tranżizzjoni ekoloġika u t-tibdil fil-klima; f'dan il-kuntest, jenfasizza li l-kriterji ta' allokazzjoni għandhom jinkludu n-numru ta' abitanti u l-ħtiġijiet u l-isfidi ta' dawn iż-żoni u jappella għall-ħolqien fil-livell

lokali ta' punti uniċi ta' servizz li jittrattaw il-Fondi ta' koeżjoni sabiex jiġu ssimplifikati l-aċċess u l-informazzjoni dwar il-fondi tal-UE;

Or. en

Emenda 296
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13d. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprevedu strumenti ta' kreditu aġevolanti ġodda li jistgħu jappoġġjaw lill-bdiewa żgħażagħ u nisa fin-negozju tagħhom, inkluż forom ta' garanziji alternattivi għall-aċċess għall-kreditu;

Or. it

Emenda 297
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13e. Jipproponi l-inkoraġġiment tal-użu ta' skemi ta' prefinanzjament u bil-quddiem għal proġetti żgħar f'żoni rurali u jitlob l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu li jiżgura l-ħlas sistematiku ta' ħlas bil-quddiem li jirrappreżenta 80 % tal-għotja malli l-proġett ikun ġie approvat[1a];
	[1a] Mill-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Kif il-

programmazzjoni tal-LEADER u tas-CLLD wara l-2027 tista' tikkontribwixxi għal implimentazzjoni aħjar tal-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE"

Or. en

Emenda 298
Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover, Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu spiss huwa għajn ta' introjtu għaż-żoni rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi u għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat fi ħdan l-ekonomija rurali, f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd, tal-ikel u kulturali;	14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu spiss huwa għajn ta' introjtu għaż-żoni rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi u għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat fi ħdan l-ekonomija rurali, f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd, tal-ikel u kulturali; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinċentivaw it-turiżmu fiż-żoni rurali u depopolati, jew li jinsabu f'riskju ta' depopolazzjoni, billi jinħolqu kurituri ħodor u mogħdijiet oħra ħodor, kif ukoll billi jiġu rikonoxxuti ambjenti eċċellenti għat-turiżmu rurali u tan-natura, simili għall-"bandiera blu" li tingħata lill-bajjiet;***

Or. es

Emenda 299
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu ***spiss huwa għajn*** ta' introjtu ***għaż-żoni*** rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi ***u għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat***	14. Jirrikonoxxi li ***l-kultura u*** t-turiżmu ***spiss ikunu sorsi importanti*** ta' introjtu ***għar-reġjuni*** rurali, ***kostali,*** muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi***; jissottolinja li l-***

fi ħdan l-ekonomija rurali, f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd, tal-ikel u kulturali;	***attivitajiet tas-sajd u tal-biedja inkluża t-trobbija tal-bhejjem għadhom pilastru ugwalment essenzjali tal-ekonomiji rurali u tas-sigurtà tal-ikel tal-UE wkoll; jinsisti li d-deċiżjonijiet ta' politika li jaffettwaw iż-żoni rurali għandhom jirrikonoxxu r-rwol essenzjali tal-attivitajiet tas-sajd u tal-biedja inkluża t-trobbija tal-bhejjem fl-istabbiltà ekonomika, fil-ġestjoni ambjentali u fil-produzzjoni tal-ikel u jinsisti li l-UE għandha tippromwovi l-koeżistenza u l-iżvilupp ulterjuri ta' dawn is-setturi***;

Or. en

Emenda 300
Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu spiss huwa għajn ta' introjtu għaż-żoni rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi u għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat fi ħdan l-ekonomija rurali, f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd, tal-ikel u kulturali;	14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu spiss huwa għajn ta' introjtu għaż-żoni rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi u għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat fi ħdan l-ekonomija rurali, f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd, tal-ikel u kulturali; ***jenfasizza l-ħtieġa li jiġi promoss it-turiżmu rurali fl-Istrateġija futura tal-UE dwar it-turiżmu sostenibbli bħala għażla aktar ekoloġika u favur il-komunità, b'kuntrast mal-mudell tat-turiżmu tal-massa u f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Palma tal-31 ta' Ottubru 2023 "Il-Perkors lejn is-sostenibbiltà soċjali tat-turiżmu fl-UE";***

Or. en

Emenda 301
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu spiss huwa għajn ta' introjtu għaż-żoni rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi u għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat fi ħdan l-ekonomija rurali, f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd, tal-ikel u kulturali;	14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu spiss huwa għajn ***rilevanti*** ta' introjtu għaż-żoni rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi***, li joffru esperjenzi uniċi marbuta mal-kultura, in-natura, u t-tradizzjonijiet, li jistgħu jattiraw għadd dejjem akbar ta' viżitaturi;*** għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat ***permezz ta' investimenti*** fi ħdan l-ekonomija rurali, f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd, tal-ikel u kulturali;

Or. it

Emenda 302
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu spiss huwa għajn ta' introjtu għaż-żoni rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi u għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat fi ħdan l-ekonomija rurali, f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd, tal-ikel u kulturali;	14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu spiss huwa għajn ta' introjtu għaż-żoni rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi u għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat fi ħdan l-ekonomija rurali, f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd, tal-ikel u kulturali; ***jenfasizza l-importanza ta' approċċ turistiku bilanċjat, li jottimizza l-benefiċċji ekonomiċi għaż-żoni rurali filwaqt li jimminimizza l-impatti negattivi potenzjali tat-turiżmu fuq dawn il-komunitajiet;***

Or. en

Emenda 303
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu ***spiss huwa għajn ta' introjtu għaż-żoni*** rurali***, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi u għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat fi ħdan l-ekonomija rurali, f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd, tal-ikel u*** kulturali;	14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu ***huwa settur strateġiku għal ħafna żoni*** rurali ***fl-Ewropa, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-Mediterran; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi pjan ta' appoġġ għat-turiżmu sostenibbli fiż-żoni rurali, li jiffinanzja inizjattivi li jsaħħu l-irħula storiċi, il-prodotti lokali tradizzjonali, u l-wirt*** kulturali***, filwaqt li jħeġġeġ mudelli ta' ospitalità mxerrda u d-diġitalizzazzjoni tas-settur***;

Or. en

Emenda 304
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu spiss huwa għajn ta' introjtu għaż-żoni rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi u għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat fi ħdan l-ekonomija rurali, f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd, tal-ikel u kulturali;	14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu spiss huwa għajn ta' introjtu għaż-żoni rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi u għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat fi ħdan l-ekonomija rurali ***b'mod li jkun sostenibbli***, ***immexxi mill-komunità u*** f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd, tal-ikel u kulturali***, filwaqt li jiġi żgurat li jirrispetta l-ekosistemi lokali, it-tradizzjonijiet u l-benesseri soċjali***;

Or. en

Emenda 305
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu spiss huwa għajn ta' introjtu għaż-żoni rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi u għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat fi ħdan l-ekonomija rurali, f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd, tal-ikel u kulturali;	14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu, ***l-agrituriżmu, is-snajja' tradizzjonali u l-promozzjoni ta' prodotti lokali*** spiss ***ikunu*** sors tal-introjtu għaż-żoni rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi, u għalhekk jemmen li ***dawn*** għandhom jiġu appoġġjati fi ħdan l-ekonomija rurali, f'sinerġija mas-settur agrikolu, tas-sajd, alimentari u kulturali;

Or. ro

Emenda 306
Francesco Ventola, Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu spiss huwa għajn ta' introjtu għaż-żoni rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi u għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat fi ħdan l-ekonomija rurali, f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd***,*** tal-ikel ***u kulturali***;	14. Jirrikonoxxi li t-turiżmu spiss huwa għajn ta' introjtu għaż-żoni rurali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi u għalhekk jemmen li għandu jiġi appoġġjat fi ħdan l-ekonomija rurali, ***filwaqt li jagħti inċentiv lin-negozji kulturali li jagħtu valur lill-wirt lokali,*** f'sinerġija mas-setturi agrikolu, tas-sajd ***u*** tal-ikel;

Or. it

Emenda 307
Cristina Guarda, Ana Miranda Paz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni

Ewropea u lill-Istati Membri jiżguraw tfassil ta' politika soċjalment ġust fiż-żoni rurali u muntanjużi, speċjalment fl-indirizzar tat-tranżizzjonijiet demografiċi u klimatiċi; jissottolinja l-ħtieġa għal miżuri ta' appoġġ immirati fil-qafas tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE u l-Fond Soċjali għall-Klima sabiex jassistu setturi li għaddejjin minn trasformazzjoni, inklużi dawk dipendenti fuq it-turiżmu tax-xitwa, filwaqt li titrawwem id-diversifikazzjoni ekonomika lejn alternattivi sostenibbli; jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati oqfsa ta' governanza inklużivi u adattivi li jappoġġjaw interazzjonijiet sostenibbli bejn il-bniedem u n-natura permezz ta' approċċi bbażati fuq il-post u parteċipatorji fit-tiswir ta' komunitajiet rurali reżiljenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintegra dawn l-approċċi fi ħdan il-qafas Saħħa Waħda, filwaqt li tiżgura li l-politiki soċjoekonomiċi u ambjentali jirriflettu l-interdipendenza tal-benesseri tal-bniedem, il-bijodiversità, u s-saħħa tal-ekosistemi;

Or. en

Emenda 308
Sérgio Gonçalves, Sabrina Repp, Hannes Heide, Raffaele Topo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jenfasizza l-importanza li jiġu promossi forom ta' turiżmu li jirrispettaw l-integrità ambjentali u kulturali taż-żoni rurali, filwaqt li jiġi żgurat li l-komunitajiet lokali jibbenefikaw direttament mill-attivitajiet ekonomiċi relatati mat-turiżmu; jitlob investiment fl-ekoturiżmu, fl-agriturizmu, u fl-inizjattivi tat-turiżmu relatati mal-wirt storiku li jsaħħu l-identità u t-tradizzjonijiet lokali,

filwaqt li jimminimizzaw l-impronta ekoloġika tal-viżitaturi; jenfasizza l-ħtieġa għal ġestjoni sostenibbli tal-flussi tal-viżitaturi sabiex jiġi evitat it-turiżmu eċċessiv, b'mod partikolari f'żoni ekoloġikament sensittivi jew storikament sinifikanti;

Or. en

Emenda 309
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza, Francesco Torselli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Investimenti bħal dawn se jippermettu li jkun hemm offerta aktar kwalifikata ta' attivitajiet ta' akkomodazzjoni, il-valorizzazzjoni ta' prodotti u fatturi kulturali u ta' identità territorjali, iżda wkoll li jinħolqu opportunitajiet ekonomiċi ġodda għall-komunitajiet lokali, jiġu inċentivati l-ħolqien tax-xogħol u l-imprenditorija, filwaqt li jinżammu ħajjin it-tradizzjonijiet lokali; iqis ukoll li huwa xieraq li jingħata appoġġ lill-iżvilupp u lill-ġestjoni tat-turiżmu rurali, billi tiżdied l-aċċessibilità għall-użu tat-teknoloġija u billi jiġu implimentati s-servizzi diġitali fiż-żoni rurali;

Or. it

Emenda 310
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Klára Dobrev, Sofie Eriksson, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jappella għal miżuri mmirati sabiex jissaħħu s-siti u l-attivitajiet kulturali u storiċi fiż-żoni rurali billi jiġu promossi l-preżervazzjoni u r-restawr tal-wirt kulturali, jiġu appoġġjati l-inizjattivi kulturali lokali, u jitrawwem turiżmu kulturali sostenibbli; jenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ finanzjarju għal proġetti kulturali, għal industriji kreattivi, u għal tradizzjonijiet lokali sabiex tissaħħaħ l-identità reġjonali, jiġu attirati l-viżitaturi, u jinħolqu opportunitajiet ekonomiċi;

Or. en

Emenda 311
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, bi tħejjija għall-politika ta' koeżjoni futura u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju tas-sussidjarjetà fi kwistjonijiet fiskali, sabiex jibdew djalogu dwar il-benefiċċji potenzjali tal-kondiviżjoni tat-taxxi fuq l-attivitajiet ekonomiċi mal-muniċipalitajiet, peress li dan iħeġġeġ lill-muniċipalitajiet jinvestu l-fondi ta' koeżjoni tal-UE fl-interess tagħhom stess fi tkabbir ekonomiku lokali fit-tul sabiex jiżguraw dħul sostenibbli mit-taxxi lokali;

Or. en

Emenda 312
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jikkunsidra li huwa neċessarju li jiġu promossi miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali billi jiġi sfruttat il-potenzjal lokali, inkluż f'żoni barra mill-agrikoltura u t-turiżmu, u li jinħolqu impjiegi ta' kwalità, inkluż billi jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet neċessarji għal impjiegi remoti, sabiex iż-żgħażagħ jiġu attirati lejn iż-żoni rurali u jiġi żgurat li jibqgħu hemm;

Or. ro

Emenda 313
Francesco Ventola, Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi ssimplifikat l-aċċess għall-fondi Ewropej fil-każ taż-żoni rurali, filwaqt li titnaqqas il-kumplessità burokratika u jitnaqqas iż-żmien biex jingħataw il-fondi, permezz ta' proċeduri aktar issimplifikati, pjattaformi diġitali intuwittivi u appoġġ tekniku akbar għall-benefiċjarji lokali;

Or. it

Emenda 314
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jenfasizza l-opportunitajiet emerġenti għar-rivitalizzazzjoni taż-żoni rurali permezz tal-iżvilupp ta' bijodistretti u ekoreġjuni, filwaqt li jirrikonoxxi l-potenzjal tagħhom li jiddiversifikaw l-ekonomija rurali permezz tal-biedja organika, il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, il-ktajjen tal-provvista tal-ikel iqsar, anki permezz tal-akkwist sostenibbli pubbliku tal-ikel għall-produzzjonijiet lokali, l-ekoturiżmu f'pajsaġġi kulturali uniċi, u l-pagamenti għas-servizzi tal-ekosistema; jissottolinja li l-bijodistretti, bħala muturi tal-innovazzjoni soċjali, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà, għandhom ikunu fuq quddiem nett fl-istrateġiji ta' żvilupp territorjali futuri; jenfasizza li s-suċċess tagħhom jiddependi fuq l-integrazzjoni reġjonali u territorjali b'saħħitha, l-involviment attiv tal-awtoritajiet lokali, u approċċi ta' ġestjoni lokalizzati sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv opportunitajiet ta' finanzjament fil-Politika Agrikola Komuni (PAK) u fil-politika ta' koeżjoni sabiex tappoġġja l-ħolqien u s-sostenibbiltà fit-tul tal-bijodistretti, filwaqt li tiżgura l-aċċessibbiltà tagħhom kemm fil-perjodi ta' programmazzjoni kurrenti kif ukoll f'dawk ta' wara l-2027;

Or. en

Emenda 315
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Klára Dobrev, Sofie Eriksson, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jappella għal aċċess imtejjeb għal

kura tas-saħħa ta' kwalità fiż-żoni rurali permezz ta' servizzi mediċi msaħħa, spiżeriji, infermiera tas-saħħa tal-komunità, u soluzzjonijiet tas-saħħa diġitali;

Or. en

Emenda 316
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs;	15. ***Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu introdotti inċentivi fiskali u mekkaniżmi ta' finanzjament għall-SMEs, għall-intrapriżi start-up u għall-kooperattivi lokali fiż-żoni rurali bil-ħsieb li tiġi diversifikata l-ekonomija lokali u tiġi żviluppata ekonomija ċirkolari; jenfasizza wkoll l-importanza li jiġi ssimplifikat l-aċċess għall-fondi tal-UE għall-bdiewa u għall-intraprendituri, u jħeġġeġ l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u l-produzzjoni lokali sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika ta' dawn ir-reġjuni; għal dan l-għan,*** jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu regolamentazzjoni aħjar bħala priojorità, sabiex jitnaqqas il-piż burokratiku fuq l-individwi u n-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, ***filwaqt li jiġu stabbiliti wkoll fondi speċifiċi għall-iżvilupp ta' mikrointrapriżi fi rħula intelliġenti, u b'hekk jiġi provdut appoġġ finanzjarju u konsultattiv għall-implimentazzjoni ta' mudelli ekonomiċi sostenibbli bbażati fuq ir-riżorsi lokali u l-innovazzjoni***;

Or. ro

Emenda 317

Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs; ***jappoġġja t-tisħiħ ta' mekkaniżmu ta' verifika rurali sabiex jiġi vvalutat l-impatt antiċipat ta' inizjattivi leġiżlattivi ewlenin tal-UE fuq iż-żoni rurali; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex fil-futur jevitaw it-trikkib ta' proġetti ta' żoni rurali bejn l-istrumenti finanzjarji tal-UE; jitlob pjattaforma ta' punt uniku ta' servizz għall-informazzjoni dwar il-possibilitajiet ta' finanzjament għall-komunitajiet rurali kif ukoll punt uniku ta' dħul għall-aċċess għall-finanzjament tal-UE;***

Or. en

Emenda 318
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment ***l-SMEs***;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment ***l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; dan se jippermetti lill-benefiċjarji, b'mod partikolari l-SMEs u l-komunitajiet rurali, jaċċessaw il-fondi b'mod aktar faċli u effiċjenti; L-ottimizzazzjoni tal-proċeduri, it-tnaqqis tal-burokrazija u t-titjib tat-trasparenza***

huma miżuri indispensabbli biex jittejjeb l-aċċess għar-riżorsi disponibbli;

Or. it

Emenda 319
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs ***u jippromwovu t-tnaqqis tal-kostijiet, is-simplifikazzjoni tal-proċess ta' applikazzjoni u ta' evalwazzjoni tal-finanzjament tal-UE;***; ***jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi assistenza teknika adegwata lill-awtoritajiet ta' ġestjoni, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għal rati ta' assorbiment ogħla;***

Or. en

Emenda 320
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu*** l-piż burokratiku fuq ***iċ-ċittadini*** u n-negozji***, speċjalment l-SMEs***;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jieħdu passi konkreti minnufih sabiex inaqqsu*** l-piż burokratiku fuq ***il-bdiewa*** u n-negozji ***rurali billi jissimplifikaw il-proċeduri ta' applikazzjoni tal-PAK, inaqqsu l-obbligi ta' rapportar żejda, u jintroduċu għodod diġitali sabiex iħaffu l-proċessi***

amministrattivi; ***jinsisti li l-burokrazija eċċessiva ma għandhiex tipprevjeni lill-bdiewa milli jiffokaw fuq il-produzzjoni tal-ikel sostenibbli u fuq l-iżvilupp ekonomiku rurali;***

Or. en

Emenda 321
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs;	15. ***Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb is-sinerġiji u l-koordinazzjoni bejn l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE u l-istrumenti nazzjonali, sabiex l-iżvilupp rurali fl-UE jirnexxi;*** jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs; ***jitlob dimensjoni rurali b'saħħitha fir-regolamenti futuri dwar il-politika ta' koeżjoni;***

Or. en

Emenda 322
André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs;

jissottolinja b'mod partikolari li l-mikrointrapriżi rurali, il-bdiewa u dawk li jaħdmu fl-artiġjanat iridu jibbenifikaw minn tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u tat-taxxa permezz tal-fondi ta' koeżjoni;

Or. fr

Emenda 323
Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover, Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs***, u jieħdu azzjoni bl-għan li jiżguraw il-kompetittività tan-negozji u l-impriżi rurali billi jrawmu l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u t-taħriġ tal-ħaddiema tagħhom***;

Or. es

Emenda 324
Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs; ***ifakkar li wara r-riformi reċenti tal-politika ta' koeżjoni u tal-PAK, il-bdiewa jeħtieġu stabbiltà u ambjent legali prevedibbli;***

Or. en

Emenda 325
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs***, filwaqt li jiġi żgurat li l-"verifika rurali" tiġi applikata b'mod sistematiku sabiex jiġu vvalutati u mmitigati l-impatti negattivi potenzjali fuq iż-żoni rurali***;

Or. en

Emenda 326
Paulo Do Nascimento Cabral, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, ***speċjalment*** l-SMEs;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, ***li jippermetti aċċess aktar dirett għall-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni mhux biss mill-awtoritajiet kompetenti iżda wkoll mill-benefiċjarji, inklużi*** l-SMEs;

Or. en

Emenda 327

Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, aktar simplifikazzjoni amministrattiva billi jnaqqsu ***l-gold-plating u*** l-piż burokratiku ***żejjed*** fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs***, kif ukoll fuq kooperattivi u kollettivi mmexxijin miċ-ċittadini***;

Or. en

Emenda 328
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Elena Nevado del Campo, Christian Doleschal, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, ***aktar simplifikazzjoni amministrattiva*** billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, bi prijorità, ***bil-għan li ta' simplifikazzjoni*** billi jnaqqsu l-piż burokratiku fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs ***u n-negozji żgħodda***;

Or. en

Emenda 329
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

15a. L-SMEs għandhom rwol fundamentali fl-ekonomija taż-żoni rurali, billi jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv għall-ħolqien tax-xogħol, id-diversifikazzjoni ekonomika u ż-żamma tal-vitalità tal-komunitajiet rurali; dawn l-intrapriżi, li spiss joperaw f'setturi tradizzjonali bħall-agrikoltura, l-artiġjanat u s-servizzi lokali, huma strumentali wkoll għar-reżiljenza taż-żoni rurali, peress li jiddiversifikaw is-sorsi ta' introjtu u jnaqqsu d-dipendenza minn setturi ekonomiċi aktar vulnerabbli. L-appoġġ għall-SMEs rurali jfisser li jingħataw aċċess għar-riżorsi, it-teknoloġiji u l-ħiliet li jeħtieġu biex jikbru u jkunu innovattivi. Huwa essenzjali li jiġu promossi politiki li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjamenti, itejbu l-infrastruttura diġitali u jinċentivaw il-kooperazzjoni, b'tali mod li jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jadattaw għall-isfidi ekonomiċi u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli fiż-żoni rurali;

Or. it

Emenda 330
Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Matthias Ecke, Hannes Heide, Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Klára Dobrev, Sofie Eriksson, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jappella għal aktar simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u għal aċċess imtejjeb għall-finanzjament għaż-żoni rurali, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-prinċipju tal-awditjar uniku, l-adozzjoni ta' prattiki favur il-benefiċjarji, koordinazzjoni aħjar u flessibbiltà fl-użu ta' sorsi finanzjarji differenti, kif ukoll miżuri ta' appoġġ immirati għall-

intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u negozji agrikoli f'reġjuni rurali;

Or. en

Emenda 331
Cristina Guarda, Ana Miranda Paz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu "Osservatorji tal-Muntanji" sabiex iżidu l-ġbir, il-kondiviżjoni u d-disseminazzjoni ta' data diżaggregata dwar kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali, ambjentali u meteoroloġiċi li jorbtuha mal-Istrateġija tad-Data tal-UE mħabbra reċentement, kif ukoll mal-Osservatorju Rurali tal-UE fil-qafas tal-LTVRA u mal-Osservatorju tal-Katina tal-Valur Agroalimentari tal-UE;

Or. en

Emenda 332
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Buła, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Iqis li hija kruċjali l-ħtieġa li jiġi ssimplifikat l-aċċess għall-finanzjament u għall-proċeduri tal-UE fil-qafas ta' approċċ koerenti u flessibbli għall-iżvilupp territorjali, b'mod partikolari għaż-żoni rurali, filwaqt li jinżammu l-prinċipji ta' governanza u ta' sħubijiet f'diversi livelli;

Or. en

Emenda 333
Sofie Eriksson, Sabrina Repp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jappella għal approċċ aktar integrat bejn il-politiki industrijali u ta' koeżjoni tal-UE, li jiżgura li l-istrateġiji ta' żvilupp reġjonali jkunu allinjati mal-isforzi ta' tranżizzjoni industrijali, b'mod partikolari fiż-żoni tat-Tramuntana li huma skarsament popolati;

Or. en

Emenda 334
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tintegra b'mod sistematiku ż-żoni rurali fit-tfassil tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss permezz ta' Valutazzjonijiet tal-Impatt Territorjali (TIAs) u Verifiki Rurali komprensivi;

Or. en

Emenda 335
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jitlob li l-ħaddiema u l-komunitajiet rurali jkunu involuti direttament fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet permezz ta' kunsilli parteċipattivi, li jiżguraw kontroll demokratiku fuq il-politiki ta' żvilupp ekonomiku lokali;

Or. en

Emenda 336
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jesprimi dispjaċir li spiss iż-żoni rurali jbatu minn koordinazzjoni nieqsa tal-politiki u għaldaqstant jaffaċċjaw sfidi kontinwi u multidimensjonali, bħat-tibdil demografiku, it-tranżizzjoni diġitali, il-bżonn ta' agrikoltura sostenibbli li tipproduċi ikel affordabbli u ta' kwalità għolja, u l-adattament għat-tibdil fil-klima; jissottolinja li dan in-nuqqas ta' koordinazzjoni jwassal għal dewmien sinifikanti fil-parteċipazzjoni demokratika u fl-aċċess għas-servizzi bażiċi, għall-infrastruttura u għall-impjiegi; jitlob għalhekk, sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni attwali tal-finanzjament tal-UE għaż-żoni rurali u sabiex jiġi ssimplifikat l-aċċess għall-Fondi, il-ħolqien ta' fond ewlieni fil-qafas tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni li r-regolament ta' ġestjoni tiegħu jkun japplika għall-kontribuzzjonijiet mill-fondi mobilizzati l-oħrajn bħal (FAEŻR), (FEŻR), (FSE+) (JTF)[3a];
	[3a] Mill-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni

tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Kif il-programmazzjoni tal-LEADER u tas-CLLD wara l-2027 tista' tikkontribwixxi għal implimentazzjoni aħjar tal-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE"

Or. en

Emenda 337
Christian Doleschal, Alexandra Mehnert, Pascal Arimont, Dan-Ştefan Motreanu, Maravillas Abadía Jover, Gabriella Gerzsenyi, Daniel Buda, Isabelle Le Callennec, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-użu ta' fondi ta' koeżjoni għall-preżervazzjoni u għar-restawr u (meta applikabbli) għall-konverżjoni ta' binjiet storiċi rilevanti, inklużi l-knejjes, bħala parti mill-isforzi sabiex jiġi promoss il-wirt kulturali, tittejjeb l-infrastruttura lokali u sabiex tkompli tissaħħaħ l-attrazzjoni taż-żoni rurali madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 338
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li s-Semestru Ewropew iżomm bis-sħiħ il-Prinċipju ta' Sħubija billi jsaħħaħ il-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni nazzjonali; jitlob konsultazzjoni msaħħa tal-awtoritajiet rurali fil-proċess tas-

Semestru Ewropew, sabiex jiġi żgurat li l-prijoritajiet ta' investiment u ta' riforma jindirizzaw b'mod effettiv il-ħtiġijiet rurali;

Or. en

Emenda 339
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-SMEs u tas-snajja' lokali fiż-żoni rurali għall-ħolqien tal-impjiegi u għat-tkabbir ekonomiku. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni talloka strumenti finanzjarji dedikati sabiex tappoġġja u timmodernizza l-mikrointrapriżi rurali, b'mod partikolari fis-setturi agroalimentari, tal-manifattura u tal-enerġija rinnovabbli;

Or. en

Emenda 340
Denis Nesci, Francesco Ventola, Antonella Sberna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss is-servizzi ta' konsulenza u l-assistenza teknika biex tgħin lill-awtoritajiet reġjonali jistabbilixxu u jimmaniġġjaw strumenti finanzjarji biex iżidu l-kompetittività u jippromwovu l-effiċjenza tar-riżorsi;

Or. it

Emenda 341
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15c. Jissottolinja li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) bħalissa joperaw b'mod iżolat mill-programmi ta' żvilupp reġjonali u rurali, u dan iwassal għal nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-flussi ta' finanzjament; jitlob l-integrazzjoni tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali fil-programmazzjoni tal-koeżjoni u tal-iżvilupp rurali sabiex jiġu żgurati sinerġiji fil-bini tal-kapaċità;

Or. en

Emenda 342
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15c. Jenfasizza l-importanza tal-SMEs fis-setturi teknoloġiċi għad-diġitalizzazzjoni rurali u għar-reżiljenza ekonomika. Jappella lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-miżuri pubbliċi jsostnu lin-negozji lokali u jrawmu ekonomiji bbażati fuq il-qrubija, filwaqt li tevita kriterji li jistgħu jixħtu lil intrapriżi iżgħar fi żvantaġġ.

Or. en

Emenda 343
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15d. Jilqa' l-introduzzjoni tas-Sett ta' Għodda Rurali Ewropew, imfassal sabiex jassisti lill-benefiċjarji fl-identifikazzjoni u fl-aċċess għall-programmi ta' finanzjament l-aktar adattati għar-reġjun tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa u tippromwovi għodod bħal dawn billi tiżgura li jkunu faċli għall-utenti, aġġornati b'mod regolari, u aċċessibbli għall-partijiet ikkonċernati rurali kollha, inklużi l-awtoritajiet lokali, l-SMEs, il-bdiewa, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 344
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15e. Jissottolinja l-ħtieġa għal allinjament aħjar bejn l-istrumenti eżistenti għall-iżvilupp territorjali u l-Fondi Strutturali, inklużi inizjattivi bħall-Isfruttar tat-Talent u l-Patt tas-Sindki;

Or. en